

ISSN 1831-1318



IL-QORTI EWROPEA
TAL-AWDITURI



IR-RAPPORT
TA' ATTIVITÀ
ANNWALI

2012

MT



***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea***

Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(*) Ċerti operatori tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00 800
jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server *Europa* (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2013

ISBN 978-92-9241-169-5

doi:10.2865/7142

© L-Unjoni Ewropea, 2013

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)



Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

RAPPORT ANNWALI TAL-ATTIVITÀ
2012

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

MISSIONI

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-Istituzzjoni tal-UE stabbilita bit-Trattat sabiex twettaq l-awditu tal-finanzi tal-UE. Bħala l-awditur estern tal-UE hija tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE, tippromwovi l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza, u tagħixxi bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni.

VIŻJONI

Qorti tal-Awdituri indipendenti u dinamika, rikonoxxuta għall-integrità u l-imparzjalità tagħha, rispettata għall-professjonaliżmu tagħha u għall-kwalità u l-impatt ta' xogħolha, u li ttipprovdi appoġġ kruċjali lill-partijiet interessati tagħha sabiex itejbu l-ġestjoni tal-finanzi tal-UE.

VALURI

INDIPENDENZA, INTEGRITÀ U IMPARZJALITÀ	PROFESSIONALIŻMU	ŻIEDA FIL-VALUR	EĊĊELLENZA U EFFIĊJENZA
Indipendenza, integrità u imparzjalità tal-istituzzjoni, tal-Membri u tal-persunal tagħha. It-twettk ta' awditjar b'mod imparzjali filwaqt li tqis l-opinjoni tal-partijiet interessati mingħajr ma tfttex istruzzjonijiet jew iċċedi għal pressjoni minn kwalunkwe sors barrani.	Iż-żamma ta' standard eżemplari ta' professjonaliżmu fl-aspetti kollha ta' xogħolha. L-involviment fl-iżvilupp tal-awditjar pubbliku fl-UE u madwar id-dinja.	Il-produzzjoni ta' rapporti relevanti, f'waqthom u ta' kwalità għolja, ibbażati fuq sejbiet u evidenza sodi, li jindirizzaw it-tħassib tal-partijiet interessati u jagħtu messaġġi qawwijin u awtoritattivi. Il-kontribut għal titjib effettiv tal-ġestjoni tal-UE u għal għoti ta' rendikont imtejjeb fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE.	L-apprezzament ta' individwi, l-iżvilupp ta' talenti u l-ippremjar għal prestazzjoni. L-użu ta' komunikazzjoni effettiva sabiex jiġi promoss spirtu ta' tim. L-użu massimu tal-effiċjenza fl-aspetti kollha tax-xogħol.

WERREJ

Pàġni

6	KELMTEJN MINN QABEL MINGĦAND IL-PRESIDENT
8	L-2012 F'DAQQA T'GĦAJN
9	L-ATTIVITAJIET TAGĦNA
9	RAPPORTI TAL-AWDITJAR U OPINJONIJIET
30	KOOPERAZZJONI MA' ISTITUZZJONIJIET SUPREMI TAL-AWDITJAR OĦRA
34	IL-MANIĠMENT TAGĦNA
35	TIBDIL FIL-KULLEĠĠ TAL-QEA
36	KEJL TAL-PRESTAZZJONI TAL-QEA
44	APPOĠĠ GĦALL-AWDITJAR
49	INFORMAZZJONI FINANZJARJA
52	AWDITJAR U OBBLIGU TA' RENDIKONT
53	DIKJARAZZJONI MILL-UFFIĊJAL AWTORIZZANTI B'DELEGA
54	35 SENA TA' GĦAJNUNA BIEX L-UE TAĦDEM AĦJAR

KELMTEJN MINN QABEL MINGĦAND IL-PRESIDENT



Merġba fir-Rapport Annwali tal-Attività 2012 tal-QEA!

Fl-2012, ħafna mix-xogħol tal-QEA kien iffukat biex jgħin lill-Unjoni tipprepara għall-**isfidi** importanti **tal-ġestjoni finanzjarja** wara l-2013. Il-QEA bdiet is-sena bl-adozzjoni tal-opinjoni tagħha dwar ċerti proposti għal regolamenti dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) — diskutibbilment l-aktar politika magħrufa tal-UE. L-abbozz tar-regolament kien parti mill-pakkett ta' proposti leġiżlattivi għall-qafas finanzjarju pluriennali mill-2014 sal-2020. Permezz ta' għadd ta' opinjonijiet u rapporti tagħha ppubblikati fl-2012, il-QEA kkontribwixxiet attivament fit-tisħiħ tar-regoli ġodda li se jirregolaw id-dħul u l-infiq tal-UE matul il-perjodu.

Fl-2012, il-QEA kompliet ukoll issegwi mill-qrib l-implikazzjonijiet għall-obbligu ta' rendikont pubbliku u għall-awditjar tal-iżviluppi fil-**governanza ekonomika tal-UE**. Matul is-sena, it-Trattat li jstabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà daħal fis-seħħ u l-bord tal-awditjar tal-korp il-ġdid, li jinkludi nominat mill-QEA, iltaqgħu għall-ewwel darba. Il-Kunsill tal-Unjoni

Ewropea qabel f'Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni tiegħu għall-istabbiliment ta' Mekkaniżmu Superviżorju Uniku li jkopri s-sorveljanza prudenzjali f'istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro u l-QEA għarrfet lill-dawk li joħolqu l-politika fl-UE dwar il-fehma tagħha fuq l-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont pubbliku u tal-awditjar.

Ħafna mill-iżviluppi fil-governanza ekonomika u fil-baġit tal-UE ġejjin minn ħtieġa għall-kisba ta' riżultati aħjar b'inqas riżorsi pubbliċi filwaqt li jissaħħu wkoll il-leġittimità demokratika u l-obbligu ta' rendikont. Bis-setgħat u l-perspettiva uniċi tagħha, kif ukoll bl-esperjenza fl-awditjar u bis-sħubijiet li żviluppaw matul l-istorja tagħha ta' 35 sena, il-QEA tinsab f'pożizzjoni tajba biex tgħin lill-UE tindirizza dawn l-isfidi. Billi nkomplu nibnu fuq il-kisbiet tagħna fis-snin reċenti, l-oġettiv tagħna hu li **nkabbru l-kontribut tal-QEA għat-titjib fl-obbligu ta' rendikont tal-UE matul il-perjodu 2013–2017**.

Attwalment, il-QEA qed tiċċelebra il-35 anni-versarju tagħha. L-Ewropa nbidlet drammatikament minn meta l-QEA bdiet taħdem fl-1977. Il-mod kif il-QEA hija organizzata u kif twettaq l-awditjar tagħha jirrefletti dawk il-bidliet. Il-qafas tal-awditjar tal-QEA espanda bl-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda, bit-trasferiment ta' kompetenzi lill-Unjoni, u bl-istabbiliment ta' ħafna entitajiet fil-livell tal-UE. Il-QEA kibret ukoll bħala organizzazzjoni, minn 9 Membri u persunal ta' 120 fl-1977 għal 27 Membru u persunal ta' kważi 900 fl-2012. Waqt li għamlet dan, il-QEA bniet **forza tax-xogħol professjonali, iddedikata u esperjenzata.**

L-2012 kienet l-aħħar sena koperta mill-**istrateġija 2009–2012 tal-QEA**. Il-QEA hija mħeġġa bir-riżultati miksuba matul il-perjodu. Bħalma jafferma r-rapport annwali tal-attività ta' din is-sena, il-prodott tagħna żdied, esperti esterni jistmaw il-kwalità tar-rapporti tagħna bħala tajba, u l-partijiet interessati istituzzjonali prinċipali tagħna jsibuhom utli. Hemm konsistenza fil-livell għoli ta' aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA mill-Kummissjoni u r-rapport ġdid ta' segwitu tal-QEA jenfasizza l-impatt pożittiv tagħhom. Il-QEA tista' wkoll turi żidiet tal-effiċjenza fl-amministrazzjoni u fit-traduzzjoni, li wasslu għall-iskjerament ta' 40 oħra mill-persunal lejn l-awditjar sa tmiem il-perjodu.

Sabiex tilħaq l-**objettivi tagħha għall-2013–2017**, il-QEA se tipprijorizza prodotti għat-titjib tal-obbligu ta' rendikont tal-UE u se tiżviluppa s-sħubijiet, il-professjonalità u l-effiċjenza tagħha. Fl-2013, tim internazzjonali tal-evalwazzjoni bejn il-pari se jeżamina l-prattika għall-awditjar tal-prestazzjoni tal-QEA u jsegwi fuq ir-riżultati tal-evalwazzjoni preċedenti bejn il-pari fl-2008. Azzjonijiet ewlenin oħra għaddejjin bħalissa fl-2013 jinkludu dawk għas-simplifikazzjoni tal-proċessi tal-QEA fil-produzzjoni ta' rapporti u għall-użu saħansitra aħjar tal-għarfien tal-ħiliet u tal-ispeċjalizzazzjoni kollettivi tagħna. B'dawn l-inizjattivi u oħrajn, il-Qorti għandha l-għan li tgħin lill-UE biex tindirizza l-isfidi dejjem jikbru tagħha tal-obbligu ta' rendikont pubbliku u tal-awditjar matul is-snin li ġejjin.



Vítor Manuel da Silva Caldeira
President

L-2012 F'DAQQA T'GĦAJN

L-ATTIVITAJIET TAGĦNA

- **Rapporti annwali** dwar il-baġit tal-UE u dwar il-Fondi Ewropej għall-lżvilupp għas-sena finanzjarja 2011, li jipprovdu ċarezza u informazzjoni mtejba.
- 50 **rapport annwali speċifiku** ppubblikati dwar l-aġenziji, il-korpi deċentralizzati u istituzzjonijiet oħra tal-UE għas-sena finanzjarja 2011.
- 25 **rapport speċjali** adottati dwar oqsma baġitarji speċifiċi jew suġġetti dwar il-ġestjoni.
- 9 **opinjonijiet** li jipprovdu kontributi dwar ir-riforma tal-baġit, bħar-riforma tal-Politika Agrikola Komuni u direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali.

IT-TMEXXIJA TAGĦNA

- Adozzjoni ta' **strateġija ġdida mill-2013 sal-2017** biex tiggwida l-attivitajiet tal-Qorti matul il-perjodu bl-oġġettiv li timmassimizza l-valur tal-kontribut tal-QEA għall-għoti ta' rendikont pubbliku.
- L-indikaturi **ewlenin tal-prestazzjoni** tagħna mill-2008 sal-2012 juru prestazzjoni mtejba, u għall-ewwel darba jkejlu l-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet tagħna li ġew implimentati.
- Aktar żvilupp tal-**politika għall-persunal**, u skjerament mill-ġdid kontinwu ta' karigi lejn funzjonijiet ċentrali tal-awditjar permezz ta' żieda fl-effiċjenza fl-amministrazzjoni u fit-traduzzjoni, saħħew l-abbiltà tal-QEA li twettaq il-missjoni tagħha.
- Ix-xogħol ta' kostruzzjoni kien ikkompletat fuq il-**bini K3** — it-tieni estensjoni tagħna — li jippermetti lill-persunal kollu tal-QEA jkun alloġġat f'sit wieħed.



Il-Membri tal-QEA waqt laqgħa tal-Qorti

L-ATTIVITAJIET TAGĦNA

RAPPORTI TAL-AWDITJAR U OPINJONIJIET

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha tliet prodotti prinċipali:

- **rapporti annwali**, li prinċipalment fihom ir-riżultati tax-xogħol tal-awditjar finanzjarju u tal-konformità fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea u fuq il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ). Barra minn hekk hemm rapporti annwali speċifiċi dwar l-aġenziji, il-korpi deċentralizzati u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE li huma ppubblikati separatament;
- **rapporti speċjali**, ippubblikati matul is-sena kollha, li jippreżentaw ir-riżultati ta' awditi magħżula dwar oqsma baġitarji speċifiċi jew suġġetti dwar il-ġestjoni. Dawn prinċipalment huma awditi tal-prestazzjoni; u
- **opinjonijiet** dwar abbozzi ta' leġiżlazzjoni b'impatt fuq il-ġestjoni finanzjarja, u **dikjarazzjonijiet u dokumenti tal-pożizzjoni** dwar kwistjonijiet oħra fuq l-inizjattiva tal-QEA stess.

Sa mill-2008, kien u għad hemm **żieda sostanzjali** fl-għadd ta' rapporti annwali speċifiċi u rapporti speċjali prodotti mill-QEA. Ir-rapporti annwali ġew żviluppati wkoll biex jipprovdu livell miżjud ta' informazzjoni analitika, preżentazzjoni aktar konsistenti ta' *data* li tippermetti tqabbil aktar faċli bejn l-oqsma u matul iż-żmien, u kapitolu ġdid dwar kwistjonijiet ta' prestazzjoni. Iż-żieda sinifikanti fl-opinjonijiet prodotti ġejja mill-fatt li l-QEA hija kkonsultata dwar il-volum kbir ta' proposti leġiżlattivi relatati mal-perjodu l-ġdid tal-qafas finanzjarju (2014 sal-2020).

Għadd ta' rapporti u opinjonijiet	2008	2009	2010	2011	2012
Rapporti annwali dwar il-baġit tal-UE u l-FEŻ	2	2	2	2	2
Rapporti annwali speċifiċi dwar l-aġenziji u l-korpi deċentralizzati tal-UE	29	37	40	42	50
Rapporti speċjali	12	18	14	16	25
Opinjonijiet u prodotti oħra	5	1	6	8	10
TOTAL	48	58	62	68	87

It-test sħiħ tar-rapporti tal-awditjar u tal-opinjonijiet kollha huwa disponibbli fuq il-websajt tal-QEA <http://eca.europa.eu> fi 22 lingwa tal-UE.


ŻJARAT TAL-AWDITJAR 2012

Filwaqt li l-biċċa l-kbira tax-xogħol tal-awditjar isir fl-uffiċċji tal-QEA fil-Lussemburgu, l-awdituri jagħmlu żjarat ukoll lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi deċentralizzati tal-UE, lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u riċevituri oħra tal-fondi tal-UE (inkluża lill-kwartieri ġenerali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħan-NU fl-Isvizera). L-iskop ta' dawn iż-żjarat huwa l-kisba ta' **evidenza diretta tal-awditjar**.

Żjarat tal-awditjar normalment isiru għand **awtoritajiet** ċentrali u lokali involuti fl-ipproċessar, fil-ġestjoni u fil-pagament ta' fondi tal-UE u għand il-**benefiċjarji finali** li jirċevuhom. Żjarat tal-awditjar fi ħdan l-UE ta' sikwit isiru b'kollegament mal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar tal-Istati Membri kkonċernati. It-timijiet tal-awditjar ġeneralment huma magħmula minn żewġ awdituri jew tlieta u t-tul ta' żmien taż-żjarat tal-awditjar jista' jvarja minn ftit jiem sa ġimagħtejn, skont it-tip ta' awditu u d-distanza tal-ivvjaġġar.

Fl-2012, l-awdituri tal-QEA qattgħu 6 816-il ġurnata jawditjaw fuq il-post — 6 054 fi Stati Membri u 762 barra mill-UE — jiksbu evidenza għall-kompiti tal-awditjar annwali, annwali speċifiċi, u magħżula. Ammont komparabbli ta' żmien ġie mqatta' fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE fi Brussell u fil-Lussemburgu.

Ġranet tal-awditjar fuq il-post fl-2012



RAPPORT ANNWALI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT 2011 TAL-UE

Matul l-2012, il-parti l-kbira tax-xogħol tal-awditjar finanzjarju u tal-konformità tal-QEA twettaq fuq l-implimentazzjoni tal-baġit 2011 tal-UE. Ir-Rapport Annwali 2011 li rriżulta kien ippubblikat fis-6 ta' Novembru 2012.

L-**objettiv** tar-rapport annwali huwa li jipprovdi sejbiet u konklużjonijiet li jgħinu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u liċ-ċittadini biex jivvalutaw il-kwalità tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE, kif ukoll biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet siewja għal titjib. Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (jew 'DAS'), li saret għat-18-il darba, dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati hija l-element prinċipali tar-Rapporti Annwali 2011.

Ir-Rapport Annwali 2011 dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE inkluda **żewġ kapitoli ġodda**, li jipprovdu riżultati aktar iffukati fuq agrikoltura u koeżjoni. Il-kapitolu preċedenti dwar l-agrikoltura u r-riżorsi naturali kien sostitwit minn kapitoli dwar "agrikoltura: suq u appoġġ dirett" u "żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa". Barra minn hekk, kapitoli separati dwar "politika reġjonali, enerġija u trasport"; u dwar "impjiegi u affarijiet soċjali" ssostitwixxew il-kapitolu preċedenti dwar koeżjoni, enerġija u trasport.

Il-messaġġi ewlenin tar-Rapport Annwali 2011

- Il-**kontijiet** 2011 jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi ta' flus tagħha għas-sena. Id-**dħul** u l-**impenji** kienu ħielsa minn żball materjali. B'kuntrast ma' dan, il-pagamenti kienu milquta minn żball materjali, b'rata stmata ta' żball ta' 3,9% għall-baġit tal-UE fit-totalità tiegħu. Il-livell ta' żball baqa' simili għall-2010, meta kien 3,7%.
- L-oqsma kollha tal-infiq tal-UE vvalutati individwalment kienu milquta minn żball materjali bl-eċċezzjoni ta' **relazzjonijiet esterni, għajjnuna u tkabbir, u nefqa amministrattiva**. Dan juri li hemm bżonn titjib fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE.
- Ir-rata ta' żball stmata mill-QEA għall-infiq fil-grupp tal-politika **żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa** (l-aktar qasam tal-infiq suxxettibbli għal żball) kienet ta' 7,7%. Ir-rata ta' żball stmata għall-grupp tal-politika tal-**politika reġjonali, enerġija u trasport** baqgħet għolja b'6,0%.
- Kien hemm **żieda fir-riżervi tal-Kummissjoni**, u l-ammont li d-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni jqisu li qiegħed f'riskju tela' minn € 0,4 biljun għal € 2,0 biljun fl-2011. Dan jirrefletti r-rikonoxximent tal-Kummissjoni ta' riskju għoli ta' żball f'xi oqsma, b'mod notevoli fl-iżvilupp rurali, fil-koeżjoni u fir-riċerka.
- B'mod ġenerali, is-**sistemi ta' kontroll** eżaminati kienu biss parzjalment effettivi biex jiżguraw ir-regolarità tal-pagamenti u mhumiex jirrealizzaw il-potenzjal sħiħ tagħhom biex jipprevjenu l-iżbalji jew biex jaqbdhom u jikkoreġu. Ħafna każijiet ta' **falliment tal-kontroll** kienu identifikati.
- L-awtovalutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pres-tazzjoni qed tevolvi u tirrappreżenta xi titjib milqugħ tajjeb fuq snin preċedenti. Madanakollu, l-awditi tal-prestazzjoni tal-QEA fl-2011 identifikaw nuqqas ta' valutazzjonijiet ta' kwalità tajba tal-ħtiġijiet, dgħufijiet fit-tfassil ta' programmi li qed ifixklu rapportar dwar ir-riżultati u l-impatti, u ħtieġa li l-Kummissjoni turi l-**valur miżjud tal-UE**.

RAPPORT ANNWALI DWAR

IL-FONDI EWROPEJ

GĦALL-IŻVILUPP GĦALL-2011

Il-Fond Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) huma ffinanzjati mill-Istati Membri tal-UE, iżda ġestiti barra l-qafas tal-baġit tal-UE u rregolati mir-regolamenti finanzjarji tagħhom stess. Il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli mill-implimentazzjoni finanzjarja ta' operazzjonijiet iffinanzjati b'riżorsi mill-FEŻ.

Il-FEŻ jipprovdu assistenza mill-Unjoni Ewropea għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u lill-pajjiżi u territorji extra-Ewropej (PTEE), ibbażata fuq il-Ftehim ta' Cotonou tal-2000. L-infiq huwa ċċentrat fuq l-oġettiv tat-tnaqqis u eventwalment tal-grid tal-faqar, konsistenti mal-oġettivi ta' żvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni gradwali tal-pajjiżi AKP u l-PTEE fl-ekonomija dinjija. Huwa bbażat fuq it-tliet pilastri komplementari tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali, kif ukoll fuq id-dimensjoni politika.



Ir-Rapport Annwali 2011 tal-QEA dwar il-FEŻ ġie ppublikat flimkien ma' dak dwar il-baġit tal-UE fis-6 ta' Novembru 2012.

Il-QEA sabet li l-kontijiet 2011 jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEŻ u r-riżultati tal-operazzjonijiet u tal-flussi tal-flus tagħhom. Iżda, 33 % tat-tranżazzjonijiet tal-FEŻ kienu milquta minn żball bi stima ta' 5,1 % tal-pagamenti milquta minn żball.

RAPPORTI ANNWALI

SPEĊIFIĊI DWAR L-AĠENZJI,

IL-KORPI DEĊENTRALIZZATI

U L-ISTITUZZJONIJET L-OĦRA

TAL-UE GĦALL-2011

FI-2012, il-QEA ppublikat 50 **rapport annwali speċifiku** fil-biċċa l-kbira għas-sena finanzjarja 2011 għall-aġenziji, korpi deċentralizzati (bħal intrapriżi konġunti) u istituzzjonijiet oħra tal-UE.

L-aġenziji u l-korpi deċentralizzati tal-UE huma maħluqa minn leġiżlazzjoni tal-UE biex iwettqu kompiti speċifiċi. Kull aġenzija għandha l-mandat, il-bord, id-direttur, il-persunal u l-baġit tagħha. L-aġenziji huma attivi f'ħafna oqsma, bħalma huma s-sikurezza, is-sigurtà, is-saħħa, ir-riċerka, il-finanzi, il-migrazzjoni u l-ivvjaġġar.

Il-President Caldeira jippreżenta r-Rapport Annwali 2011 fis-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew, Novembru 2012

RAPPORTI SPEĊJALI FL-2012

Barra mir-rapporti annwali tagħha, il-QEA tip-pubblika **rapporti speċjali** matul is-sena kollha, li jkopru awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità ta' oqsma baġitarji speċifiċi jew suġġetti dwar il-ġestjoni li tagħżel hija stess. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex ikunu ta' impatt massimu, u b'hekk tkun qed tagħmel l-aqwa użu tar-riżorsi tagħha.

Meta tagħżel is-suġġetti, il-Qorti tqis:

- **ir-riskji** għall-prestazzjoni jew għall-konformità għall-qasam partikolari ta' dħul jew infiq;
- il-**livell** ta' introjtu jew infiq involut;
- iż-**żmien** li jkun għadda minn kwalunkwe awditu preċedenti;
- l-**iżviluppi** li għadhom ġejjin, fl-oqfsa regolatorji; u
- l-**interess** politiku u pubbliku.




Fl-2012, il-QEA adottat **25 rapport speċjali** li jkopru firxa wiesgħa ta' suġġetti. Dan irrappreżenta żieda sinifikanti fuq is-16-il rapport adottati fl-2011 (u t-12 adottati fl-2008).

Ir-rapporti speċjali kollha huma ppubblikati b'mod sħiħ fuq il-websajt tal-QEA <http://eca.europa.eu> u permezz tal-EU bookshop fi 22 lingwa tal-UE.

It-temi tar-rapporti speċjali 2012 huma ppreżentati fil-paġni li ġejjin taħt l-intestatura relatata tal-qafas finanzjarju 2013–2017 — il-baġit pluriennali tal-UE.

IL-PASSI PRINĊIPALI F'AWDITU TAL-PRESTAZZJONI JEW TAL-KONFORMITÀ MAGĤŻULA



INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU — TKABBIR SOSTENIBBLI

L-infiq tal-UE fuq it-tkabbir sostenibbli jkopri żewġ oqsma:

Il-kompetittività tinkludi l-finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, il-konnessjoni tal-Ewropa permezz ta' networks tal-UE, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-promozzjoni tal-kompetittività f'suq uniku integrat għalkollox, l-aġenda tal-politika soċjali, u d-dekummissjonar nukleari. Il-nefqa tal-UE allokata għall-kompetittività għat-tkabbir u għall-impjegi għall-2007–2013 tammonta għal EUR 89,4 biljun, jew 9,2 % tal-baġit tal-UE, bi kważi żewġ terzi ddedikati għar-riċerka u l-iżvilupp.

Il-koeżjoni għat-tkabbir u għall-impjegi prinċipalment tikkonċerna l-politika tal-Koeżjoni, li hija implimentata permezz ta' fondi li jkopru oqsma definiti ta' attivitajiet, inklużi l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK). Il-fondi jintnefqu taħt ġestjoni kondiviża mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri tal-UE. Il-nefqa tal-Koeżjoni tal-UE ppjanata għall-2007–2013 hija ta' EUR 348,4 biljun, jew 35,7 % tat-total tal-baġit tal-UE.

Matul l-2012, il-QEA adottat ir-rapporti speċjali li ġejjin f'dan il-qasam:

- L-istrumenti finanzjarji għall-SMEs kofinanzjati mill-FEŻR** (2/2012) ivvaluta l-effiċjenza u l-effettività tal-miżuri tal-inġinerija finanzjarja kofinanzjati mill-FEŻR matul il-perjodi ta' programmar tal-2000–2006 u tal-2007–2013, ibbażat fuq kampjun ta' proġetti fir-Renju Unit, fil-Ġermanja, fis-Slovakkja, fl-Ungerija u fil-Portugall kif ukoll fuq eżami tas-sistemi ta' ġestjoni, monitoraġġ u informazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. Il-QEA kkonkludiet li l-effettività u l-effiċjenza tal-infiq tal-FEŻR fuq strumenti finanzjarji għal impriżi ta' daqs żgħir u medju kienu mxekkla mill-qafas regolatorju mhux xieraq għat-tipi differenti ta' strumenti finanzjarji użati. *L-impriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs) huma s-sinsla tal-ekonomija tal-UE, għaliex jiġġeneraw l-impjegi, l-innovazzjoni u l-ġid. Iżda, l-SMEs jistgħu ma jirnexxilhomx jiksibu aċċess għat-tip u l-ammont ta' finanzjament li jkollhom bżonn. Biex issostnihom,*

l-UE tuża l-politiki tagħha tal-intrapriża u ta' koeżjoni prinċipalment permezz ta' għotjiet, u aktar ma jgħaddi ż-żmien fil-qafas tal-FEŻR, permezz tal-istrumenti finanzjarji. L-istrumenti finanzjarji huma strumenti li jridu jitħallsu lura u li jistgħu jerġgħu jintużaw. Abbażi ta' figuri mogħtija mill-Kummissjoni, l-allokazzjonijiet tal-FEŻR lil strumenti tal-inġinerija finanzjarja jammontaw għal madwar EUR 1,6 biljun u EUR 10,4 biljun għall-perjodi ta' programmar tal-2000–2006 u l-2007–2013 rispettivament.

- **Il-Fondi Strutturali: Il-Kummissjoni kellha suċċess biex tittratta n-nuqqasijiet iden-
tifikati fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll
tal-Istati Membri?** (3/2012) ivvaluta jekk
il-Kummissjoni: tatx bidu għal azzjonijiet
korrettivi xierqa; żguratx il-puntwalità tal-
implimentazzjoni tagħhom; u kellhiex assi-
gurazzjoni suffiċjenti li l-azzjonijiet tagħha
wasslu għal korrezzjoni finanzjarji xierqa
fir-rigward ta' irregolaritajiet tal-imgħoddi
u għal titjib fis-sistemi biex tiġi impedita
l-okkorrenza tagħhom mill-ġdid. L-awditu
twettaq prinċipalment abbażi ta' eżami
ta' 40 programm li fihom kienu ġew iden-
tifikati nuqqasijiet sinifikanti. Il-QEA sabet
li fir-rigward ta' nuqqasijiet fis-sistemi ta'
ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri, il-Kum-
missjoni kellha xi suċċess f'li tiżgura li l-kor-
rezzjonijiet finanzjarji ġew applikati b'mod
korrett, iżda kellha inqas suċċess fil-kisba ta'
assigurazzjoni li l-azzjonijiet tagħha wasslu
għal titjib fis-sistemi tal-Istati Membri.
*Il-ġestjoni tan-nefqa tal-Fondi Strutturali tin-
qasam bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.
L-Istati Membri jħejju programmi pluriennali
li jiġu vvalutati u approvati mill-Kummissjoni
u implimentati aktar tard mill-Istati Membri.
Meta jiġu identifikati nuqqasijiet sinifikanti fis-
sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Mem-
bri, l-oġġettiv tal-Kummissjoni huwa li tiżgura
li l-irregolaritajiet jiġu kkoreġuti u li s-sistemi
jittejbu.*
- **L-użu ta' Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni
għall-kofinanzjament ta' infrastrutturi
tat-trasport fil-portijiet: investiment
effettiv?** (4/2012) ivvaluta jekk l-oġġettivi
u l-eżiti ta' 27 proġett kofinanzjati mill-
FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni taħt l-intestatura
"Infrastrutturi tat-trasport" matul il-perjodu
2000-2006 kinux effettivi. Hu vvaluta l-mod
kif l-Istati Membri kienu ġestew din in-
nefqa u kif il-Kummissjoni kienet issorveljat
il-proċess. Il-QEA sabet li l-investimenti
tal-Politika ta' Koeżjoni fl-infrastruttura tat-
trasport fil-portijiet kienet effettiva fi 11 biss
mis-27 proġett awditjat. *It-trasport marittimu
huwa t-tieni mezz ta' trasport l-aktar impor-
tanti fl-UE. Il-Kummissjoni tippredvi li l-użu
tiegħu se jiżdied minn 3,8 biljun tunnellata
fl-2006 għal 5,3 biljun tunnellata sal-2018.
Mis-sena 2000 'il hawn, l-UE għamlet madwar
EUR 6,2 biljun disponibbli permezz tal-Fondi
Strutturali u ta' Koeżjoni biex tikkofinanzja
l-bini ta' infrastrutturi tal-portijiet.*



L-Awditjar tal-infiq tal-UE fuq it-trasport

INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU — TKABBIR SOSTENIBBLI

- **Il-finanzjament minn Miżuri Strutturali għal proġetti infrastrutturali għall-immaniġġjar ta' skart muniċipali huwa effettiv biex jgħin lill-Istati Membri jiksibu l-oġettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart?** (20/2012) — ivvaluta l-prestazzjoni ta' kampjun ta' 26 proġett infrastrutturali għall-immaniġġjar ta' skart u eżamina l-ilhug tal-oġettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart kif ukoll l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' appoġġ fit-tmien reġjuni fejn kienet tinsab l-infrastruttura. Ir-rwol tal-Kummissjoni kien eżaminat ukoll. Il-QEA sabet li l-effettività tal-finanzjament minn miżuri strutturali tal-UE għal infrastruttura għall-immaniġġjar ta' skart muniċipali kienet imxekkla mill-implimentazzjoni fqira tal-miżuri ta' appoġġ u minn dgħufijiet fir-regoli u l-linji gwida tal-UE. *Fl-2010, kull ċittadin tal-EU-27 iġġenera medja ta' madwar 500 kg ta' skart, li jekk ma jkunx miġbur, ittrattat u mormi kif suppost, jista' jikkawża impatti ambjentali negattivi. L-UE introduċiet standards u miri komuni fil-forma ta' direttivi għall-immaniġġjar ta' skart muniċipali, u tikkofinanzja l-infrastrutturi għall-immaniġġjar tal-iskart f'reġjuni speċifiċi. L-UE assenjat EUR 10,8 biljun għal infrastruttura għall-immaniġġjar tal-iskart matul il-perjodu 2000-2013.*
- **Il-Kosteffettività tal-Investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni fl-Effiċjenza Enerġetika** (21/2012) — ivvaluta jekk l-investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni fl-effiċjenza enerġetika kinux kosteffettivi billi eżamina jekk: kinux ġew stabbiliti l-kundizzjonijiet korretti fil-programmazzjoni u l-finanzjament biex jippermettu li jsiru investimenti kosteffettivi fl-effiċjenza enerġetika; u jekk il-proġetti għall-effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliki kinux kosteffettivi. Il-QEA sabet li l-perjodu tal-irkupru medju għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika jeċċedi 50 sena (f'każi estremi sa 150 sena), li jfisser li l-fondi għal investimenti bħal dawn jistgħu jintnefqu b'mod aktar kosteffettiv. *Il-kost taż-żieda*

fil-konsum tal-enerġija, it-tnaqqis tar-riżervi tal-karburanti fossili u l-effett tal-attivitajiet tal-bniedem fuq it-tibdil fil-klima globali jistimolaw il-politiki reċenti tal-UE tal-effiċjenza enerġetika. Sa mis-sena 2000, l-Unjoni Ewropea, permezz tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tagħha, nefqet kważi EUR 5 biljun fuq il-kofinanzjament ta' miżuri għall-effiċjenza enerġetika fi Stati Membri.

- **Il-Miżuri Strutturali tal-UE appoġġaw b'suċċess ir-riġenerazzjoni ta' siti industrijali u militari abbandunati?** (23/2012) — ivvaluta jekk: l-oġettivi tal-proġetti ntlaħqux; jekk l-immirar tal-appoġġ mill-UE kienx ibbażat fuq kriterji robusti; u jekk ir-riżultati nkisbux bil-prezz l-aktar baxx għall-baġit tal-UE. Il-QEA awditjat il-prestazzjoni ta' 27 proġett ta' riġenerazzjoni li jinvolvu EUR 231 miljun f'kofinanzjament mill-UE, u eżaminat l-għodod ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati — li huma l-qafas għal interventi speċifiċi kofinanzjati — fil-Ġermanja, fir-Renju Unit, fl-Ungerija, fil-Polonja u fir-Repubblika Ċeka. (Il-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport speċjali se jiġu ppubblikati fit-18 ta' April 2013.) *F'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, aktar u aktar siti industrijali u militari mitluqa (hekk imsejja siti "abbandunati") saru disponibbli. Ħafna siti abbandunati huma kontaminati. Ir-riġenerazzjoni u l-użu mill-ġdid ta' siti abbandunati huma promossi mill-Miżuri Strutturali tal-UE għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, u għall-mitigazzjoni ta' tifrix urban. Il-finanzjament totali mill-UE għal dan il-qasam ammonta għal EUR 5,7 biljun bejn l-2000 u l-2013.*

- **Ir-reazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) għat-terremot tal-2009 f'Abruzzi: Ir-relevanza u l-kost tal-operazzjonijiet** (24/2012) ivvaluta jekk: l-operazzjonijiet iffinanzjati kinux konformi mar-Regolament FSUE; u jekk il-proġett ta' bini 'CASE' (li jirrappreżenta l-biċċa l-kbira tal-infiq) kienx ippjanat u mfassal tajjeb; u jekk kienx implimentat b'kunsiderazzjoni xierqa għall-ekonomija. Il-QEA sabet li filwaqt li l-proġetti l-oħra ffinanzjati kienu eliġibbli, il-proġett CASE ma kienx jikkonforma mar-Regolament FSUE. Barra minn hekk, kien hemm nuqqasijiet fl-ippjanar tal-proġett CASE, u fl-iżgurar tal-ekonomija tal-implimentazzjoni tiegħu. It-terremot tal-2009 ċċentrat madwar ir-reġjun tal-Abruzzi fl-Italja kkawża aktar minn EUR 10 biljun fi ħsara. *L-Unjoni Ewropea kkontribwixxiet EUR 0,5 biljun għar-rispons ta' emerġenza Taljana mill-Fond ta' Solidarjetà tagħha, li ġew użati għal operazzjonijiet ta' emerġenza, biex jipprovdur djar u skejjel temporanji u għall-proġett CASE biex jinbnew djar sismikament reżistenti.*
- **Ġew stabbiliti għodod għall-monitoraġġ tal-effettività tal-infiq tal-Fond Soċjali Ewropew fuq ħaddiema aktar imdaħħlin fiż-żmien?** (25/2012) ivvaluta jekk, u sa liema punt l-Istati Membri u l-Kummissjoni żviluppaw u użaw l-għodod meħtieġa biex jiġi ddeterminat jekk l-oġettivi għall-ħaddiema aktar imdaħħlin fiż-żmien intlaħqux. Sitt programmi b'valur ta' EUR 222 miljun ġew magħżula, li jkopru erba' Stati Membri (il-Ġermanja, l-Italja, il-Polonja u r-Renju Unit). Il-QEA sabet li l-Istati Membri u lanqas il-Kummissjoni ma jistgħu jgħidu safejn l-azzjonijiet iffinanzjati mill-FSE kienu ta' benefiċċju għal ħaddiema aktar imdaħħlin fiż-żmien. Barra minn hekk l-ammonti min-fuq fuq dawn it-tip ta' azzjonijiet mhumieħ irrekordjati. *Mill-2007 sa tmiem l-2013, l-infiq tal-FSE biex jgħin lil Stati Membri fil-qasam tal-impjigi se jammonta għal aktar minn EUR 75 biljun, li jirrappreżenta madwar 8 % tat-total tal-baġit tal-UE. Wieħed mill-gruppi żvantaġġati prinċipali huwa ħaddiema aktar imdaħħlin fiż-żmien.*



Katidral f'L'Aquila, l-Italja, kważi erba' snin wara t-terremot tal-2009



Djar sismikament reżistenti mibnija ġodda f'L'Aquila, l-Italja

INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU — PREŻERVAZZJONI U ĠESTJONI TAR-RIŻORSI NATURALI

L-UE għandha responsabbiltà estensiva fil-politika tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, is-sajd u l-ambjent. In-nefqa ppjanata għall-2007-2013 hija ta' EUR 413,1 biljun, li tirrappreżenta 42,3 % tat-total tal-baġit tal-UE.

Tliet kwarti mill-infiq jinvolvi pagamenti diretti lill-bdiewa u appoġġ għas-swieq agrikoli permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — l-ewwel pilastru' tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). Wieħed minn kull ħamsa oħra tal-infiq imur lejn l-appoġġ mill-UE għall-Iżvilupp Rurali (ŻR) li huwa ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), it-tieni pilastru' tal-PAK. L-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali huma taħt ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Matul l-2012, il-QEA adottat ir-rapporti speċjali li ġejjin f'dan il-qasam:

○ **Ir-riforma tal-organizzazzjoni komunitas-suq fl-inbid: Il-progress li sar s'issa** (7/2012) ivvaluta l-progress li sar s'issa fir-rigward ta' wieħed mill-obiettivi prinċipali tar-riforma tal-inbid: it-titjib fil-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda. L-awditu ffoka fuq il-miżuri tal-'qluġh' u r-'ristrutturar u t-trasformazzjoni' tal-vinji, li huma l-akbar żewġ oqsma tal-infiq u huma kruċjali għall-ilħuq tal-obiettivi tat-titjib tal-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda. Il-QEA sabet li dawn iż-żewġ miżuri ħadmu kontra xulxin u l-eċċess strutturali ma kienx imnaqqas b'mod sinifikanti. *Il-baġit li l-UE għamlet disponibbli għall-qluġh ta' vinji fil-perjodu ta' tliet snin ta' applikazzjoni tal-miżura mill-2008-2009 sal-2010-2011 kien ta' EUR 1,1 biljun. Għar-ristrutturar u t-trasformazzjoni, EUR 4,2 biljun kienu ġew allokati lill-miżura għall-10 snin sal-2010.*

○ **Identifikazzjoni ta' għajjnuna għall-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli** (8/2012) ivvaluta jekk l-għajjnuna tal-UE għall-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli kinitx indirizzata lejn il-prioritajiet tal-UE u l-ħtiġijiet speċifiċi fl-Istati Membri. Il-QEA sabet li l-miżura tal-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli kien ikollha potenzjal akbar kieku l-fondi kienu mmirati aħjar lejn prioritajiet tal-UE u ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri u kieku l-proċeduri tal-għażla kienu applikati b'mod effettiv. *Din l-għajjnuna tifinanzja investimenti fl-azjendi agrikoli, li jistgħu jvarjaw minn oġġetti sempliċi bħal għodod tal-biedja u kaxxi tal-injam għall-frott sa proġetti kumplessi bħal installazzjonijiet tal-bijogass. It-total tal-baġit tal-UE għal dan huwa ta' EUR 11,1 biljun (iffinanzjati permezz tal-FAEŻR) għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, li jirrappreżenta madwar 11 % tal-infiq ippjanat kollu tal-UE fuq l-iżvilupp rurali.*

- **Verifika (awditu) tas-sistema ta' kontroll li tirregola l-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-importazzjoni ta' prodotti organiċi** (9/2012) ivvaluta jekk is-sistema ta' kontroll għall-prodotti organiċi tipprovdi garanzija biżżejjed li r-rekwiżiti ewlenin għall-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-importazzjoni ta' prodotti organiċi jkunu qegħdin jintlaħqu. Hija ħarset lejn kif l-istituzzjonijiet varji involuti (il-Kummissjoni tal-UE u l-awtoritajiet, il-korpi tal-akkreditazzjoni u l-korpi ta' kontroll rilevanti fl-Istati Membri) wettqu r-responsabbiltajiet tagħhom fl-UE, kif ukoll fil-ġestjoni tal-iskemi ta' importazzjoni. Il-QEA sabet li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri ltaqgħu ma' diffikultajiet biex jiżguraw it-traċċabilità ta' prodotti organiċi, flimkien ma dgħufijiet fis-sistema li hemm bżonn jiġu indirizzati biex tiġi pprovduta garanzija biżżejjed li s-sistema tkun qiegħda topera b'mod effikaċi u biex jiġi żgurat li l-fiduċja tal-konsumatur ma tiġix imxejna. *Il-qafas legali tal-UE li jirregola l-produzzjoni organika għandu l-mira li jipprovdi bażi għall-iżvilupp sostenibbli ta' produzzjoni organika, filwaqt li jiggarantixxi kompetizzjoni ġusta, iħares l-interessi tal-konsumatur u jiżgura li s-suq intern jaħdem b'mod effikaċi. Twaqqfet sistema ta' kontroll biex tivverifika u tiċċertifika kull operatur fil-katina tal-provvista.*
- **Għajjnuna diretta għall-baqar li jreddgħu u n-nagħaġ u l-mogħoż skont l-implimentazzjoni parzjali tal-arranġamenti tal-SPU** (11/2012) ivvaluta jekk l-għajjnuna kinitx immirata lejn ir-reġjuni l-aktar relevanti fl-Istati Membri; kinitx effettiva fiż-żamma ta' produzzjoni speċifika u b'hekk evitatx l-effetti soċjali, ekonomiċi u ambjentali negattivi; u jekk kinitx immonitorjata u vvalutata tajjeb mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Il-QEA kkonkludiet li l-għajjnuna diretta tal-PAK għal bhejjem li jreddgħu ma tagħtix riżultati aħjar mill-għajjnuna diżakkoppjata. *Wara r-riforma tal-2003 tal-PAK, l-appoġġ għall-agrikoltura li qabel kien jingħata fil-forma ta' għajjnuna diretta konnessa ma' produzzjoni speċifika ta' prodotti agrikoli (l-hekk imsejħa għajjnuna 'akkoppjata'), ma kellux jitħallas aktar b'konnessjoni mal-produzzjoni (jiġifieri ġie diżakkoppjat) wara li ġiet introdotta l-iskema tal-pagament uniku. Madankollu, kienu previsti xi eċċezzjonijiet għal diżakkoppjar sħiħ f'setturi u reġjuni speċifiċi sabiex jiġu limitati l-effetti negattivi potenzjali ta' tranżizzjoni immedjata għal diżakkoppjar sħiħ. Dawn jinkludu l-iskemi diġà eżistenti tal-baqar li jreddgħu u tan-nagħaġ u tal-mogħoż. L-appropriazzjonijiet baġitarji disponibbli għal dawn l-għajjuniet diretti ammontaw għal total ta' madwar EUR 1,0 biljun fl-2011.*



Awditjar fuq il-post f'razzett benefiċjarju fi Spanja

INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU — PREŻERVAZZJONI U ĠESTJONI TAR-RIŻORSI NATURALI

- **L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iġjene tal-UE fil-biċċeriji tal-pajjiżi li ssieħbu fl-UE mill-2004 'l quddiem** (14/2012) ivvaluta jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati ħadux il-passi neċessarji biex jiżguraw li l-biċċeriji jsiru konformi mal-istandards tal-iġjene tal-UE. Dan kien jinvolvi eżami tas-sorveljanza, tal-gwida, tal-implimentazzjoni u tal-finanzjament ta' miżuri relatati mar-rekwiżiti tal-iġjene. Il-QEA eżaminat biċċeriji fir-Repubblika Ċeka, fl-Ungerija, fil-Polonja, fir-Rumanija u fis-Slovenja li kienu rċievew finanzjament tal-UE. Filwaqt li l-QEA sabet li t-tfassil ġenerali tas-sistemi għas-sorveljanza tar-rekwiżiti tal-iġjene mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet kompetenti kien adegwat, l-awditu żvela għadd ta' dgħufijiet fl-implimentazzjoni ta' dawn is-sistemi li juru l-ħtieġa għal rigorożità akbar fil-livelli kollha biex jitnaqqsu r-riskji. *L-Istati Membri li ssieħbu mal-UE mill-2004 kellhom jiżguraw li l-biċċeriji tagħhom issodisfaw ir-rekwiżiti tal-iġjene tal-UE. Peress li dawn ir-rekwiżiti kienu ġeneralment ħafna aktar strinġenti mir-rekwiżiti nazzjonali eżistenti, fondi tal-UE kienu pprovduti biex jimmodernizzaw il-biċċeriji u b'hekk tkun iffaċilitata l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tal-iġjene. Il-programm speċjali tal-adeżjoni għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali (programm SAPARD) ipprova madwar EUR 117-il miljun lil 241 biċċerija. Il-finanzjament mbagħad kompli taħt il-FAEGG u l-FAEŻR.*
- **L-effettività tal-Iskema ta' Pagament Uniku skont l-Erja bħala sistema transizzjonali li tappoġġa lill-bdiewa fl-Istati Membri ġodda** (16/2012) ivvaluta d-dgħufijiet prinċipali, bħal: pagamenti li saru lil benefiċjarji li ma kinux (jew kienu biss marġinalment) involuti fl-agrikoltura; pagamenti b'relazżjoni ma' art abbandunata jew ma' art iddedikata għal attivitajiet mhux agrikoli; pagamenti li saru lil entitajiet tal-istat; u għajjnuna kkonċentrata fuq ftit benefiċjarji kbar. Il-QEA kkonkludiet li parti mill-għajjnuna kienet mogħtija lil benefiċjarji li kienu biss marġinalment involuti fil-biedja jew mhux involuti għalkollox, inklużi entitajiet pubbliċi, u li d-distribuzzjoni tal-għajjnuna ma qisitx il-karatteristiċi reġjonali speċifiċi tal-attività tal-biedja, jew tal-kontribuzzjoni tal-bdiewa għall-produzzjoni ta' beni pubbliċi. Barra minn hekk, il-maġġoranza kbira tal-bdiewa jirċievu biss ammonti żgħar ħafna ta' għajjnuna. *L-Iskema ta' Pagament Uniku skont l-Erja hija sistema simplifikata ta' appoġġ għad-dħul mmirata għall-bdiewa fl-Istati Membri li ssieħbu mal-UE mill-2004. Il-pagamenti ammontaw għal madwar EUR 5 biljun fl-2011.*



INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU — LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

Dan il-qasam tal-politika ġie maħluq biex jiżgura l-moviment liberu tal-persuni u biex joffri livell għoli ta' protezzjoni liċ-ċittadini. Hu jvarja mill-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali. Hu jinkludi politiki dwar l-asil u l-immigrazzjoni, kooperazzjoni tal-pulizija u l-ġlieda kontra l-kriminalità. L-infiq għal dan il-qasam matul il-perjodu mill-2007 sal-2013 għandu jammonta għal EUR 12,2 biljun.

Matul l-2012, il-QEA adottat ir-rapport speċjali li ġej f'dan il-qasam:

- Il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni u l-Fond Ewropew għar-Rifuġjati jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi?** (22/2012) ivvaluta jekk il-komponenti tal-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni u l-Fond Ewropew għar-Rifuġjati tal-programm ġenerali tal-UE dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni għall-2007-2013 (SOLID) — ikkontribwixxew b'mod effettiv għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE; ir-riżultati ġewx akkumpanjati minn monitoraġġ effettiv u evalwazzjoni tal-programm; it-tfassil tal-fondi kkontribwixxiex għall-implimentazzjoni effettiva tal-fondi; u s-sistemi għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' integrazzjoni fil-programm SOLID

kinux ġestiti sew. Il-QEA sabet li filwaqt li ġew osservati riżultati pożittivi fil-livell tal-proġetti individwali awditjati, kienu ġew stabbiliti sistemi inadegwati biex ikejlu s-suċċess tal-Fondi. It-tfassil tal-programm xekkel l-effettività u ma kienx hemm koordinazzjoni adegwata ma' fondi oħra tal-UE. *L-UE tappoġġja azzjonijiet li jrawmu l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Istati Membri tal-UE u li jsaħħu s-solidarjetà billi jaqsmu l-piż finanzjarju li jirriżulta mill-ġestjoni tal-fruntieri esterni komuni u l-implimentazzjoni tal-politiki komuni dwar l-asil u l-immigrazzjoni. L-infiq tal-baġit tal-UE fuq SOLID huwa mistenni li jammonta għal total ta' madwar EUR 4,0 biljun matul il-perjodu 2007-2013.*



Kamp tar-rifuġjati kofinanzjat mill-UE

INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU — L-UE BĦALA PARTEĊIPANT GLOBALI

L-attivitajiet tal-UE fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni jiffukaw fuq: it-tkabbir; l-għoti ta' stabbiltà, sigurtà u prosperità fil-viċinat tagħha; il-ħidma b'mod attiv għall-appoġġ tal-iżvilupp sostenibbli fil-livell internazzjonali; u l-promozzjoni tal-governanza politika globali u l-iżgurar tas-sigurtà strateġika u taċ-ċittadin.

L-UE allokat EUR 55,9 biljun għall-infiq fuq dawn l-oġġettivi fl-2007-2013, li jirrappreżentaw 5,7 % tat-total tal-baġit. Il-biċċa l-kbira tal-infiq huwa ġestit direttament mill-Kummissjoni, jew mill-kwartieri ġenerali tagħha jew inkella permezz tad-delegazzjonijiet tagħha. Xi għajnuna hija ġestita wkoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali b'mod konġunt.

Matul l-2012, il-QEA adottat ir-rapporti speċjali li ġejjin f'dan il-qasam:

- o L-effettività tal-għajnuna għall-iżvilupp mill-Unjoni Ewropea għas-sigurtà alimentari fl-Afrika Sub-Saħarjana (1/2012)** ivvaluta jekk l-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE għas-sigurtà alimentari fl-Afrika Sub-Saħarjana kinitx effettiva billi analizza jekk l-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE għas-sigurtà alimentari kinitx rilevanti għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi u jekk l-intervent tal-UE kinitx effettiva. L-awditu ffoka fuq l-appoġġ dirett għall-iżvilupp tal-UE għat-tliet dimensjonijiet ta' sigurtà alimentari, jiġifieri d-disponibbiltà tal-ikel, l-aċċess għall-ikel u l-użu ta' ikel (in-nutrizzjoni). Il-QEA kkonkludiet li l-għajnuna għall-iżvilupp mill-UE għas-sigurtà alimentari fl-Afrika Sub-Saħarjana hija fil-biċċa l-kbira effettiva u tagħmel kontribuzzjoni importanti għall-kisba tas-sigurtà alimentari. Iżda l-Kummissjoni ma qasitx biżżejjed l-ambitu potenzjali għall-appoġġ tal-UE f'pajjiżi oħra li wkoll ibatu minn-nuqqas kroniku ta' sigurtà alimentari u ma tatx prijorità xierqa lin-nutrizzjoni. *Is-sigurtà alimentari hija problema kbira u persistenti fl-Afrika Sub-Saħarjana, fejn 30 % tal-popolazzjoni jbatu l-ġuħ. Mill-2002 sal-2010, l-UE ffinanzjat total ta' aktar minn EUR 3,2 biljun f'miżuri għas-sigurtà alimentari f'dan ir-reġjun permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ).*
- o Is-Sistema Komuni ta' Informazzjoni dwar ir-Relazzjonijiet Esterni (CRIS) (5/2012)** ivvaluta jekk il-CRIS kinitx tfasslet biex twieġeb b'mod effettiv għall-ħtiġijiet tal-Kummissjoni u jekk l-informazzjoni li tat kinitx affidabbli. L-awditu involva analiżi tad-dokumentazzjoni tal-Kummissjoni għall-CRIS kif ukoll l-ittestjar tad-*data* li fiha. Il-QEA kkonkludiet li l-CRIS hija fil-biċċa l-kbira effettiva biex twieġeb għall-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-azzjonijiet esterni. Madankollu, wara 10 snin ta' żvilupp, għadha suġġett għal nuqqasijiet persistenti. *Il-CRIS hija s-sistema ta' informazzjoni stabbilita mill-Kummissjoni biex tappoġġa l-ġestjoni tal-azzjonijiet esterni. Il-funzjonijiet tas-sistema ġew estiżi l-ħin kollu mindu bdiet taħdem fl-2002. Issa saret is-sistema ta' informazzjoni ta' referenza prinċipali għall-ġestjoni, għar-rappurtar u għad-dokumentazzjoni tal-azzjonijiet esterni, iffinanzjata kemm mill-baġit ġenerali tal-UE u mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ).*

○ **L-Għajnuna tal-Unjoni Ewropea lill-Komunità Turko-Ċiprijotta** (6/2012)

ivvaluta jekk: il-Kummissjoni fasslitx programm ta' għajnuna li rrifletta l-oġġettivi tal-istrument; ġewx stabbiliti arranġamenti implimentattivi xierqa; u jekk il-proġetti individwali kinux qed jiksbu r-riżultati intenzjonati tagħhom. L-awditu ma fittixx li jivvaluta jekk il-programm kienx ikkontribwixxa għall-oġġettivi politiku ta' għaqda mill-ġdid. Il-QEA sabet li l-programm irrifletta b'mod xieraq l-oġġettivi tiegħu għall-appoġġ finanzjarju għat-TCc u, minkejja limiti sinifikanti, stabbilixxa arranġamenti ġeneralment xierqa. Xi riżultati diġa ġew miksuba, iżda s-sostenibbiltà tagħhom kienet drabi hija dubjuża u l-akbar proġett tal-programm ma setax jiġi implimentat. *Il-finanzjament tal-UE allokat għall-komunità Turko-Ċiprijotta ammonta għal EUR 292,3 miljun bejn l-2006 u l-2011, li minnhom l-awditu eżamina madwar terz permezz tal-kampjun ta' kuntratti tiegħu.*

○ **Għajnuna għall-Iżvilupp mill-Unjoni Ewropea għall-Provvista tal-Ilma tax-Xorb u s-Sanità Bażika fil-Pajjiżi Sub-Saħarjani**

(13/2012) ivvaluta jekk il-Kummissjoni ġestitx l-għajnuna għall-iżvilupp mill-UE għall-ilma tax-xorb u s-sanità bażika fl-Afrika Sub-Saħarjana b'mod li kien wassal għal riżultati effettivi u sostenibbli. Il-QEA sabet li l-appoġġ mill-UE kien żied l-aċċess għall-ilma tax-xorb u s-sanità bażika. Minn naħa l-oħra inqas minn nofs il-proġetti eżaminati jissodisfaw b'mod sodisfaċenti l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji — u l-benefiċċji mhumiex se jitkomplew dment li ma jiġix żgurat dħul nontariffarju. *Titjib fil-provvista*

tal-ilma u s-sanità huwa element kritiku fil-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp tal-millennju. L-ilma tajjeb għax xorb u s-sanità jikkontribwixxu għat-tekabbir ekonomiku u t-tnaqqis tal-faqar. L-infiq tal-UE fuq l-ilma u s-sanità fil-pajjiżi Sub-Saħarjani bejn l-2001 u l-2010 kien ta' EUR 1,0 biljun, iżda peress li l-finanzjament għall-ilma u s-sanità deher ukoll f'setturi oħra ta' għajnuna, l-ammont totali tal-appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni jkun ogħla.



Kjosk tal-ilma, Stat ta' Jigawa, in-Niġerja

INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU — BĦALA PARTEĊIPANT GLOBALI

- Il-kontribuzzjoni tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp (FEŻ) għal netwerk tat-toroq sostenibbli fl-Afrika tas-sub-Saħara (17/2012)**

ivvaluta jekk: il-FEŻ ikkontribwixxiex b'mod effettiv għas-sostenibbiltà tan-netwerk tat-toroq fl-Afrika tas-sub-Saħara; l-infrastruttura tat-toroq appoġġjata mill-FEŻ hijiex sostenibbli; u jekk il-Kummissjoni għamlitx promozzjoni b'mod effettiv tas-sostenibbiltà tal-infrastruttura tat-toroq. L-awditu ffoka fuq is-sostenibbiltà teknika, finanzjarja u istituzzjonali tal-infrastruttura tat-trasport tat-toroq u analizza 48 programm iffinanzjat mill-1995 taħt it-tmien, id-disa' u l-għaxar FEŻ f'sitt pajjiżi msieħba. Il-QEA kkonkludiet li l-Kummissjoni hija parzjalment effettiva fl-appoġġ tagħha għal netwerk tat-toroq sostenibbli fl-Afrika tas-Sub-Saħara. Il-pajjiżi msieħba li żaret il-QEA ma jagħmlux biżżejjed biex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-infrastruttura tat-toroq, u t-toroq huma milquta minn deterjorazzjoni prematura li tvarja fuq diversi livelli. *It-toroq u infrastrutturi*

oħra tat-trasport huma essenzjali għall-integrazzjoni reġjonali, it-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp soċjali, l-amministrazzjoni pubblika effettiva u s-sigurtà. Fl-Afrika tas-Sub-Saħara, it-toroq huma l-mezz ewlieni tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, li jammonta għal aktar minn 80 % tal-movimenti totali tal-oġġetti u tas-servizzi u l-ħtiġijiet tat-trasport qed jiżdiedu b'mod mgħaġġel. L-UE kienet għamlet EUR 7,4 biljun f'impjenji tal-FEŻ għal dan ir-reġjun matul il-perjodu mill-1995 sal-2011.

- L-Assistenza tal-Unjoni Ewropea lill-Kosovo relatata mal-istat tad-dritt (18/2012)** (ara 'Fokus fuq awditu tal-prestazzjoni').



Spezzjoni tat-toroq fit-Tanzanija

FOKUS FUQ AWDITU TAL-PRESTAZZJONI

L-Assistenza tal-Unjoni Ewropea lill-Kosovo relatata mal-istat tad-dritt



*Pattulja tal-Pulizija tal-Kosovo u EULEX fil-fruntiera tal-Kosovo
© EULEX, 2011, ritratt ta' Enisa Kasemi*

Permezz tal-awditjar tal-assistenza tal-UE lill-Kosovo relatata mal-istat tad-dritt, il-Qorti poġġiet missjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) taħt il-lenti għall-ewwel darba. Il-Kosovo huwa l-akbar riċevitur ta' għajjuna finanzjarja tal-UE per capita fid-dinja u fih qed titwettaq l-akbar missjoni ċivili ta' maniġġjar ta' kriżijiet li qatt ġiet varata mill-Unjoni (Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt — EULEX).

Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2012 tal-Qorti indirizza l-kwistjoni dwar jekk l-assistenza tal-UE lill-Kosovo fil-qasam tal-istat tad-dritt kinix effettiva. L-awditu ffoka fuq erba' setturi: il-pulizija, il-ġustizzja, id-dwana u l-ħidma kontra l-korruzzjoni. Il-Qorti eżaminat ukoll il-koordinazzjoni tad-donaturi u l-ġestjoni tal-EULEX.

L-awditu ta' qasam daqshekk kumpless kien sfida. Erba' żjarat saru fil-Kosovo. Uffiċjali tal-EULEX u tal-

Kummissjoni Ewropea kienu intervistati, kif ukoll uffiċjali lokali, rappreżentanti tal-komunità internazzjonali tad-donaturi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. It-tim tal-awditjar eżamina l-proġetti tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u dawk tal-Istrument għall-Istabbiltà, kif ukoll azzjonijiet ta' Monitoraġġ, Iggwidar u Konsulenza (MIK) imwettqa mill-EULEX. Fi Brussell saru laqgħat mal-Kummissjoni, mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mas-Segretarjat tal-Kunsill u man-NATO. Il-Qorti kienet assistita wkoll minn panel ta' esperti.

Il-QEA sabet li l-assistenza tal-UE ma kinitx effettiva biżżejjed. Għalkemm l-UE għenet biex tinbena l-kapaċità, b'mod notevoli fil-qasam tad-dwana, l-assistenza lill-pulizija u lill-ġudikatura kellha biss suċċess modest. Il-livelli ta' kriminalità organizzata u korruzzjoni fil-Kosovo għadhom għoljin. Il-ġudikatura għadha tbat minn indħil politiku, nuqqas ta' effiċjenza u nuqqas ta' trasparenza u infurzar. Il-kapaċità limitata tal-Kosovo ta' protezzjoni ta' xhieda ewlenija u d-diffikultajiet marbuta mar-rilokazzjoni tax-xhieda barra mill-pajjiż huma nuqqasijiet importanti. Ma kien hemm kważi l-ebda progress fl-istabbiliment tal-istat tad-dritt fit-Tramuntana tal-Kosovo. "L-awtoritajiet tal-Kosovo jagħtu prijorità insuffiċjenti għall-istat tad-dritt", qal Gijs de Vries, il-membru tal-QEA responsabbli mir-rapport, "u l-appoġġ mill-UE għandu jkun aktar effettiv".

"Ma jeżisti l-ebda post ieħor fid-dinja bħall-Kosovo fejn f'territorju tant żgħir jinsabu tant donaturi internazzjonali jipprovdu l-bini ta' kapaċità," qal Francisco de Miguel Rodriguez, il-kap tat-tim tal-awditu. Il-Qorti kkonkludiet li l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tal-UE jeħtieġ li jttejbu aktar, inklużi mal-komunità internazzjonali.

B'kuntrast mal-bqija tal-Balkani tal-Punent, fil-każ tal-Kosovo l-inċentiv tal-adeżjoni potenzjali mal-UE huwa pperikolat minħabba n-nuqqas ta' pożizzjoni komuni tal-UE dwar l-indipendenza tal-Kosovo.

F'termini ta' komunikazzjoni, l-awditu kien bla preċedenti. Ir-rapport kien l-aktar ikkwotat mir-rapporti speċjali tal-QEA fl-2012, u ġġenera aktar minn 130 artikolu f'pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati. Barra minn hekk, vidjo kien imtella' fuq il-websajt tal-Qorti li ġabar ir-rapport fil-qosor. Din kienet xi ħaġa ġdida għall-QEA, u rriflettiet l-isforzi tagħha biex twassal ir-rapporti tagħha lil udjenza aktar wiesgħa.

Il-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna aċċettaw il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA. Ir-rapport kien ippreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill. Il-House of Lords tar-Renju Unit qiegħed ir-rapport taħt skrutinju, li jissinjala l-importanza tas-sejbiet tar-rapport.

ISTITUZZJONIJIET, AĠENZIJI U KORPI OĦRA TAL-UE

In-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi oħra tal-UE tkopri l-ispejjeż tal-persunal bħalma huma salarji u pensjonijiet u l-infiq fuq il-bini, it-tagħmir, l-enerġija, il-komunikazzjoni u t-teknoloġija tal-informazzjoni. L-infiq totali għall-2007-2013 jammonta għal EUR 55,9 biljun, 5,7 % tat-total tal-baġit tal-UE.

Matul l-2012, il-QEA adottat ir-rapporti speċjali li ġejjin f'dan il-qasam:

- L-effettività tal-iżvilupp tal-persunal fil-Kummissjoni Ewropea** (10/2012) ivvaluta jekk il-Kummissjoni: allinjatx l-iżvilupp tal-persunal mal-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni; tagħtx opportunitajiet lill-persunal biex jiżviluppa; żguratx li l-ambjent tax-xogħol jimmotiva lill-persunal biex jiżviluppa l-ħiliet tiegħu u biex japplikahom fuq il-post tax-xogħol; u evalwatx l-effettività tal-azzjonijiet meħuda għall-iżvilupp tal-persunal. Il-QEA kkonkludiet li l-azzjonijiet tal-Kummissjoni tal-UE għall-iżvilupp tal-persunal jeħtieġu fokus akbar fuq l-oġettivi tal-organizzazzjoni. *Il-baġit annwali tal-Kummissjoni għal ħarrieġa esterni u materjali tat-tagħlim fl-2010 kien ta' EUR 26,6 miljun, u l-investiment annwali f'attivitajiet ta' tagħlim u żvilupp fl-2010 kien jinkludi 230 000 jiem tal-persunal b'parteċipazzjoni f'taħriġ u l-ekwivalenti ta' 310 membri tal-persunal li amministraw u taw taħriġ u attivitajiet ta' żvilupp tal-karriera.*

- Il-Kummissjoni u l-Eurostat tejbu l-proċess tal-produzzjoni ta' statistika Ewropea affidabbli u kredibbli?** (12/2012) ivvaluta jekk il-Kummissjoni u l-Eurostat kinux tejbu l-proċess tal-produzzjoni ta' statistika Ewropea affidabbli u kredibbli. Dan jiddependi mill-konformità mal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea li tistipola l-istandards għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika, u għall-implimentazzjoni tal-programm Ewropew tal-istatistika. Ma ġietx valutata l-affidabbiltà tar-riżultati speċifiċi tal-istatistika. Il-QEA sabet li l-Kummissjoni u l-Eurostat kienu għadhom ma kisbux

l-implimentazzjoni sħiħa tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea u l-Eurostat kienet għadha ma fasslitx il-programm Ewropew tal-istatistika 2008 sal-2012, bħala għodda effettiva ta' ppjanar, monitoraġġ u obbligu ta' rendikont. *Statistika li hija affidabbli u kredibbli hija essenzjali għat-twettiq tal-kompiti li huma fdati lill-UE. L-istatistika hija bżonjuża, fi kważi l-oqsma kollha, għall-formulazzjoni, l-applikazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-politiki stabbiliti fit-trattati, u għall-ġbir u l-allokazzjoni tal-fondi tal-UE. Aktar u aktar politiki Ewropej huma direttament ibbażati fuq l-istatistika, u l-indikaturi tal-istatistika qegħdin dejjem aktar jintużaw għall-ħolqien ta' deċiżjonijiet dwar politika jew sanzjonijiet.*


- Il-ġestjoni ta' kunflitti ta' interessi f'Aġenziji magħżula tal-UE** (15/2012) ivvaluta jekk: l-Aġenziji magħżula ġestewx is-sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' interessi b'mod adegwat; kienx hemm politiki u proċeduri adegwati stabbiliti biex jiġu mmaniġġjati sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' interessi; u jekk l-Aġenziji magħżula implimentawx b'mod adegwat il-politiki u l-proċeduri tagħhom biex jimmaniġġjaw sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' interessi. L-awditu evalwa politiki u proċeduri għall-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' interessi għal erba' Aġenziji magħżula li jieħdu deċiżjonijiet essenzjali li jaffettwaw is-sikurezza u s-saħħa tal-konsumaturi. Il-QEA kkonkludiet li l-aġenziji tal-UE magħżula ma ġestewx is-sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' interessi b'mod adegwat.

SEGWITU GĦAL RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI

Matul l-2012, il-QEA introduċiet prodott ġdid — rapport speċjali li jagħti segwitu għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'rapporti speċjali preċedenti.

- Rapport 2011 dwar is-segwitu tar-Rapporti Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (19/2012)** — ivvaluta safejn il-Kummissjoni kienet implimentat ir-rakkomandazzjonijiet ta' sebgħa mir-rapporti speċjali tal-QEA mill-perjodu 2003-2009. Ir-rapporti speċjali li kienu segwiti koprew tliet oqsma baġitarji: l-agrikoltura, l-enerġija u l-azzjonijiet esterni. Il-QEA vvalutat l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni bħala reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA. L-awditu tal-QEA wera li r-rakkomandazzjonijiet tagħha

ġew aċċettati — il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ 29 % tar-rakkomandazzjonijiet eżaminati, filwaqt li 49 % kienu implimentati fil-biċċa l-kbira tal-aspetti, 20 % f'xi aspetti, u 2 % ma kinux implimentati. *L-istandards internazzjonali tal-awditjar iqisu s-segwitu tar-rapporti tal-awditjar bħala l-istadju finali fiċ-ċiklu tal-awditu tal-prestazzjoni tal-ippjanar, l-eżekuzzjoni u s-segwitu. Aktar informazzjoni dwar is-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA hija ppreżentata fil-paġna 39.*



OPINJONIJIET U DOKUMENTI

TAL-POŻIZZJONI TAGĦNA

MAĦRUĠA FL-2012

Il-QEA tikkontribwixxi għat-titjib tal-**ġestjoni finanzjarja tal-UE** permezz tal-opinjonijiet tagħha dwar proposti għal leġislazzjoni ġdida jew irrevoluta li għandha impatt finanzjarju. Dawn l-opinjonijiet jintalbu mill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, u jintużaw mill-awtoritajiet leġislattivi — il-Parlament Ewropew u l-Kunsill — f'xogħolhom. Il-QEA tista' toħroġ ukoll dokumenti dwar il-pożizzjoni tagħha fuq kwistjonijiet oħra fuq inizzjattiva tagħha stess.

Fl-2012, il-QEA adottat disa' opinjonijiet li jkopru għadd ta' oqsma sinifikanti, li jirreflettew l-preparazzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, u r-regolamenti settorjali ta' akkumpanjament:

- Dwar il-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni għar-riforma tal-**Politika Agrikola Komuni** mill-2014 (1/2012) (ara l-kaxxa għal aktar informazzjoni);
- Dwar miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-**riżorsi proprji** tal-Unjoni Ewropea, u l-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali u daww ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti, u biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni riżorsi bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud u l-metodi u t-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (2/2012);
- Dwar il-programm **Hercule III** (promozzjoni ta' attivitajiet fil-qas tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea) (3/2012);
- Dwar ir-**rapport ta' evalwazzjoni mill-Kummissjoni** tal-finanzi tal-Unjoni fuq il-bażi tar-riżultati miksuba kif stabbilit skont l-Artikolu 318 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (4/2012);
- Dwar emendi fir-**Regolamenti tal-Persunal** tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (5/2012);
- Dwar ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'**Orizzont 2020** — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) (6/2012);
- Dwar **miżuri temporanji speċjali** (fl-okkażjoni tal-adeżjoni tal-Kroazja) għar-reklutaġġ ta' uffiċjali u ta' aġenti temporanji mal-Unjoni Ewropea (7/2012);
- Dwar il-**ġlieda kontra l-frodi** li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (8/2012);
- Dwar l-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd koperti mill-**Qafas Strateġiku Komuni** u l-istabbiliment tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (9/2012).

L-opinjonijiet huma ppubblikati b'mod sħiħ fuq il-websajt tal-QEA <http://eca.europa.eu> bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

OPINJONI NRU 1/2012 — DWAR IL-PROPOSTI LEĠIŻLATTIVI TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RIFORMA TAL-POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI MILL-2014

Sal-2013, il-Politika Agrikola Komuni (PAK) trid tiġi riformata. F'Ottubru 2011, il-Kummissjoni ppubblikat proposta li tistabbilixxi l-elementi ewlenin tal-qafas leġiżlattiv għall-PAK matul il-perjodu 2014-2020. Il-qafas leġiżlattiv il-ġdid ippropona li jżomm l-istruttura attwali tal-PAK f'żewġ pilastri u ż-żewġ strumenti Ewropej ta' finanzjament għall-agrikoltura eżistenti, jiġifieri l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

Il-QEA rrikonoxxiet l-isforzi tal-Kummissjoni biex tissimplifika d-dispożizzjonijiet tal-PAK, inkluż l-abbandun tal-mudelli implimentattivi varji skont l-iskema ta' pagament uniku attwali u l-introduzzjoni ta' skema simplifikata għal bdiewa żgħar. Permezz tal-proposti tagħha, il-Kummissjoni kienet indirizzata għadd ta' osservazzjonijiet li saru mill-Parlament, u mill-Kunsill, kif ukoll dawk tal-QEA stess. Iżda, il-proposti leġiżlattivi jibqgħu b'mod fundamentali ffukati fuq l-infiq u l-kontroll tiegħu. Għalhekk huma jkomplu jagħtu prijorità lill-konformità aktar milli lill-prestazzjoni, kuntrarju għall-intenzjonijiet iddikjarati.



Il-QEA nnotat il-mira tal-Kummissjoni li tiffoka l-pagament tas-sussidji tal-PAK fuq 'bdiewa attivi' u t-tentattiv tagħha biex tiżgura tqassim aktar bilanċjat ta' pagamenti diretti bejn il-benefiċjarji. Madankollu, il-QEA esprimiet dubji jekk il-miżuri proposti jistgħux jiġu implimentati b'mod effettiv mingħajr ma jimponu piż amministrattiv eċċessiv fuq l-aġenziji amministrattivi u l-bdiewa. Il-QEA tqis li s-soluzzjoni tista' tinstab f'kombinazzjoni ta' prinċipji ġenerali stabbiliti fir-regolament flimkien ma' sorveljanza u gwida sistematika tal-implimentazzjoni tagħha mill-Kummissjoni. Hi nnotat li l-effett tal-hekk imsejja 'limiti massimi' (tnaqqis ta' għajjnuna 'l fuq minn ċerti livelli ta' għajjnuna) fuq it-tqassim mill-ġdid ta' għajjnuna se jkun limitat.

Din l-opinjoni kellha **impatt sinifikanti** fuq id-diskussjoni tal-futur tal-PAK. Ġew ippubblikati aktar minn 2 000 artikolu fil-midja fuq is-suġġett. Ħafna NGOs, fieri tal-biedja u forums industrijali oħra stiednu lill-QEA biex tippreżenta l-opinjoni lill-udjenzi tagħhom, filwaqt li l-Parlament Ewropew jistieden lir-rappreżentanti tagħna fi gruppi ta' ħidma dwar is-suġġett. Il-Membri tal-Parlament Ewropew inkorporaw il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet fil-proposti tagħhom stess għal emendi lil-leġiżlazzjoni. Il-pakkett leġiżlattiv se ssir votazzjoni fuqu wara l-adozzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

KOOPERAZZJONI MA' ISTITUZZJONIJIET SUPREMI TAL-AWDITJAR OĦRA

Il-QEA tikkoopera ma' istituzzjonijiet supremi tal-awditjar oħra (SAIs) prinċipalment permezz:

- o tal-Kumitat ta' Kuntatt tas-**SAIs tal-Istati Membri tal-UE**;
- o tan-Netwerk tas-**SAIs ta' pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali** tal-UE; u
- o ta' **organizzazzjonijiet internazzjonali** għal istituzzjonijiet tal-awditjar pubbliku, notevolment l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (I-INTOSAI) u l-grupp reġjonali Ewropew tagħha (I-EUROSAI).



Laqgħa tal-uffiċjali ta' kollegament tal-UE f'Ruma, April 2012



Laqgħa tas-Sottokumitat tal-INTOSAI għall-Bini ta' Kapaċità fil-Lussemburgu, Settembru 2012

KUMITAT TA' KUNTATT TAL-ISTITUZZJONIJIET SUPREMI TAL-AWDITJAR TAL-ISTATI MEMBI TAL-UE

It-Trattat tal-UE jeħtieġ lill-QEA u lill-korpi tal-awditjar nazzjonali tal-Istati Membri jikkooperaw fi spirtu ta' fiduċja, filwaqt li jżommu l-indipendenza tagħhom. Il-QEA tikkoopera b'mod attiv ma' SAs tal-Istati Membri tal-UE permezz tal-qafas tal-Kumitat ta' Kuntatt. Il-Kumitat ta' Kuntatt huwa assemblea tal-kapijiet ta' SAs tal-UE u tal-QEA u jiltaqa' kull sena. Huwa jipprovdi forum għal kooperazzjoni u tpartit ta' għarfien u esperjenza professjonali dwar l-awditu tal-fondi tal-UE u kwistjonijiet oħrajn relatati mal-UE. Jinżammu kuntatti ta' kuljum permezz ta' uffiċjali ta' kollegament maħtura minn kull istituzzjoni. Ġew stabbiliti gruppi ta' ħidma, networks u task forces biex jgħinu fl-iżvilupp ta' pożizzjonijiet u prattiki komuni.

Fl-2012, il-QEA appoġġjat lill-aġent president tal-Kumitat ta' Kuntatt, is-SAI tal-Portugall, fil-preparazzjoni u l-organizzazzjoni tal-laqqgħa annwali 2012, li saret f'Estoril (il-Portugall) fit-18 u d-19 ta' Ottubru 2012. Il-laqqgħa ffukat fuq żewġ temi prinċipali: l-isfidi għas-SAs fil-preparazzjoni għall-perjodu tal-qafas finanzjaru tal-UE li jmiss fl-2014-2020; u l-aħħar żviluppi fir-reazzjoni għall-kriżi finanzjarja, inkluża l-esperjenza tas-SAs f'awditi relatati.

Waq t il-laqqgħa, il-Kumitat ta' Kuntatt qabel li jistabbilixxi task force biex teżamina l-kompiti u r-woli tas-SAs fid-dawl ta' żviluppi reċenti fl-UE dwar l-istabbiliment ta' arkitettura ekonomika, fiskali u finanzjarja ġdida, u l-impatt possibbli tagħhom fuq is-SAs. Il-QEA hija membru ta' din it-task force, li għandha mandat biex tirrapporta lura lill-Kumitat ta' Kuntatt fl-2013.

Barra minn hekk, fl-2012 il-QEA kompliet tipprovdi appoġġ amministrattiv lill-Kumitat ta' Kuntatt u tipparteċipa b'mod attiv fil-gruppi ta' ħidma u fin-networks tiegħu.

Fl-2012, il-QEA kienet involuta wkoll fl-inizjattiva tas-SAs taż-Żona tal-Euro biex tipprovdi lill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà b'awditjar pubbliku estern adegwat. Pożizzjoni komuni fuq proposta għal regolamenti li jappoġġjaw lill-Artikolu 30 tat-trattat li jstabbilixxi dan il-mekkaniżmu kienet mibgħuta lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'April 2012. It-test finali tar-regolamenti relatati mal-Bord tal-Awdituri huwa fil-biċċa l-kbira konformi ma' din il-pożizzjoni komuni.

NETWORK TAL-ISTITUZZJONIJIET

SUPREMI TAL-AWDITJAR

TA' PAJJIŻI KANDIDATI U PAJJIŻI KANDIDATI POTENZJALI TAL-UE

Il-QEA tikkoopera mas-SAls ta' pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali tal-UE. Wieħed mill-aktar mezzi importanti ta' kooperazzjoni huwa n-Netwerk tas-SAls ta' pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali¹, li għandu struttura organizzattiva simili għall-Kumitat ta' Kuntatt. Hu jnvolvi laqgħat perijodiċi tal-kapijiet tas-SAls u tal-uffiċjali ta' kollegament, kif ukoll gruppi ta' ħidma, seminars, workshops u awditi paralleli. L-għan prinċipali huwa l-promozzjoni tal-implimentazzjoni ta' metodi u tekniki tal-awditjar b'konformità mal-istandards internazzjonali u l-aqwa prattiki tal-UE.

Fl-2012, il-QEA appoġġjat l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma inkluż fil-Ftehim ta' Istanbul, adottat matul il-laqgħa tal-Presidenti tan-Netwerk li saret f'Marzu 2011. Il-President tal-QEA pparteċipa fiċ-ċelebrazzjoni tal-150 anniversarju tal-Qorti tal-Kontijiet Torka u għamel żjara uffiċjali lill-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat tal-Kroazja (State Audit Office of Croatia).

KOOPERAZZJONI OĦRA

Fl-2012, il-QEA kompliet tinvolvi ruħha b'mod attiv fi, u tikkontribwixxi għall-attivitajiet tal-INTOSAI u tal-EUROSAL.

Minn mindu saret membru sħiħ tal-INTOSAI fl-2004, il-QEA pparteċipat b'mod attiv fis-sottokumitati dwar l-istandards professjonali tal-awditjar. Fl-2012, il-QEA kompliet tinvolvi ruħha fl-Għan 1 tal-INTOSAI (Standards Professionali) bħala membru:

- tas-Sottokumitati tal-Awditi Finanzjarji, tal-Konformità u tal-Prestazzjoni; u
- tal-Proġett dwar il-Kontroll tal-Kwalità tal-Awditjar u l-Proġett ta' Armonizzazzjoni.

Fir-rigward tal-Għan 2 tal-INTOSAI (Bini ta' Kapaċita), il-QEA:

- pprovdiet kontribut lis-sottokumitat dwar il-promozzjoni tal-aħjar prattiki u tal-garanzija tal-kwalità permezz ta' evalwazzjoni volontarja bejn il-pari u laqgħet il-ħames laqgħa tiegħu; u
- segwiet ukoll ix-xogħol tas-sottokumitat dwar il-promozzjoni ta' żieda fl-attivitajiet ta' bini ta' kapaċita fost il-membri tal-INTOSAI.

Fir-rigward tal-Għan 3 tal-INTOSAI (Kondivizzjoni tal-Għarfien), il-QEA ppresediet il-Grupp ta' Ħidma tal-INTOSAI dwar l-Obbligu ta' Rendikont għall- u l-Awditu ta' Għajnuna relatata mad-Diżastri mill-2008. Fl-2012, il-Grupp ta' Ħidma:

- kkompleta u espona għal kummenti pubbliċi l-ħames abbozzi tal-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) inklużi fis-serje 5500-5599 ġdida tal-Gwida għall-Awditjar ta' Għajnuna relatata mad-Diżastri (Guidance on Auditing Disaster-related Aid); u
- ħadem fuq abbozz ta' INTOSAI gwida għall-governanza tajba (INTOSAI GOV) dwar Qafas Integrat ta' Obbligu ta' Rendikont Finanzjarju (Integrated Financial Accountability Framework) għal għajnuna relatata mad-diżastri u għajnuna umanitarja, li se jsir disponibbli għal kummenti pubbliċi kmieni fl-2013.

¹ Fi Frar 2013, in-Netwerk jinkludi pajjiżi aderenti wieħed (il-Kroazja), ħames pajjiżi kandidati (dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Islanda, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija) u żewġ pajjiżi kandidati potenzjali (l-Albanija u l-Bosnija-Ħerżegovina).

Il-ħames ISSAIs kollha u l-INTOSAI GOV se jkunu ppreżentati għall-adozzjoni fil-Kongress INTO-SAI li jmiss fl-2013.

Barra minn hekk, fl-2012 il-QEA:

- laqgħet ir-raba' laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Kumitat tal-Kondiviżjoni tal-Għarfien, preseduta mis-SAI tal-Indja;
- kompliet tipprovdi kontribut lill-Grupp ta' Ħidma tal-INTOSAI dwar l-Awditu Ambjentali; u
- attendiet il-laqgħa konġunta tal-Grupp ta' Ħidma tal-INTOSAI dwar id-Dejn Pubbliku u tat-Task Force dwar il-Kriżi Finanzjarja Dinjia: Sfidi għas-SAIs.

Il-QEA kompliet tinvolvi ruħha fil-proġett Into-SAINT, strument ta' valutazzjoni proprja mmexxi mis-SAI tal-Pajjiżi l-Baxxi taħt il-patroċinju tal-INTOSAI. Fl-2012, rappreżentanti tal-QEA mmoderaw workshop ta' ġimgħa dwar valutazzjoni proprja tal-integrità fis-SAI tan-Norveġja.

Fir-rigward tal-EUROSAL fl-2012, il-QEA pparteċipat fil-laqgħa tal-Bord Governattiv tal-XXXIX EUROSAL, wara l-ħatra tagħha bħala membru tal-Bord ta' Tmexxija fl-2011, u kompliet tinvolvi ruħha b'mod attiv fi gruppi ta' ħidma u fit-task forces tal-EUROSAL. Il-QEA:

- attendiet l-għaxar laqgħa annwali tal-Grupp ta' Ħidma tal-EUROSAL dwar l-Awditu Ambjentali u kkontribwixxiet għall-awditu kooperattiv dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, li kien ippreżentat mill-QEA, f'isem il-Grupp ta' Ħidma, fil-laqgħa tal-2012 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima tal-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti (United Nations Framework Convention on Climate Change);
- attendiet għall-ewwel laqgħa tat-Task Force tal-EUROSAL dwar l-Awditjar u l-Etika u kkontribwixxiet għall-attivitajiet tat-Task Force.

Fil-qafas tal-konferenzi konġunti bejn il-gruppi ta' ħidma reġjonali tal-INTOSAI, il-QEA pparteċipat b'mod attiv fil-Konferenza VII bejn il-EUROSAL u l-Organizzazzjoni tas-SAIs tal-Amerika Latina u tal-Karibew (Organisation of Latin American and Caribbean SAIs), li ffukat fuq ir-rwol tas-SAIs fil-promozzjoni ta' governanza tajba fis-settur pubbliku.



Ir-raba' laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Kumitat tal-Kondiviżjoni tal-Għarfien tal-INTOSAI fil-Lussemburgu, Settembru 2012

IL-MANIĠMENT TAGĦNA

INĦARSU 'L QUDDIEM: STRATEĠIJA GĦALL-2013-2017

Fl-2012, il-QEA adottat u ppubblikat l-istrateġija tagħha għall-2013 sal-2017. L-oġġettiv tal-QEA għal dan il-perjodu huwa li jiġi mmassimizzat il-valur tal-kontribut tal-QEA għall-obbligu ta' rendikont pubbliku tal-UE. Biex jintlaħaq dan l-oġġettiv, il-prijoritajiet prinċipali huma li:

- niffukaw fuq tal-prodotti tal-QEA fuq it-titjib tal-obbligu ta' rendikont tal-UE;
- naħdmu mal-oħrajn biex nagħtu spinta lill-kontribut tal-QEA għall-obbligu ta' rendikont tal-UE;
- niżviluppaw aktar il-QEA bħala istituzzjoni professjonali tal-awditjar;
- nagħmlu l-aħjar użu mill-għarfien, il-ħiliet u l-għarfien espert tal-QEA;
- nuru l-prestazzjoni u l-obbligu ta' rendikont tal-QEA.

Il-QEA se tuża s-setgħat u l-perspettiva uniċi tagħha u l-għarfien, l-għarfien espert u l-iżhubiji li bniet matul 35 sena ta' awditjar pubbliku tal-UE sabiex:

- tikkontribwixxi b'mod pożittiv għal aktar żviluppi fil-governanza, fil-politika u fil-ġestjoni finanzjarja tal-UE;
- tgħin lil partijiet oħra fil-proċess ta' obbligu ta' rendikont tal-UE biex jidentifikaw ir-riskji għall-obbligu ta' rendikont tal-UE u jiffaċilitaw l-użu tagħhom tar-riżultati tal-awditjar;
- issaħħaħ il-professjonaliżmu tagħha billi tikkontribwixxi għal standards tal-awditjar ġodda u prattiki tajbin u tapplikahom;

- tissimplifika aktar il-proċessi tagħha għall-produzzjoni tar-rapporti u tal-opinjoni tagħha;
- ittejjeb il-prestazzjoni u l-qafas tal-obbligu ta' rendikont tagħha b'mod konformi mal-obbligi tagħha bħala istituzzjoni tal-UE u bħala SAJ;
- timplimenta r-restrizzjoni baġitarja b'konformità mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2014-2020, inkluż l-implimentar ta' kwalunkwe tnaqqis fil-pjan tal-persunal tagħha matul il-perjodu ta' din l-istrateġija.

Matul il-perjodu 2013 sa 2017, il-QEA se tiffoka r-rapporti, l-opinjoni u l-osservazzjonijiet tagħha fuq il-ħtieġa li:

- jitjiebu l-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont pubbliku u tal-awditjar;
- jitjiebu l-ġestjoni finanzjarja u r-rappurtar dwar l-implimentazzjoni u l-impatt tal-baġit tal-UE; u
- jissaħħaħ it-tfassil tal-politiki u l-programmi tal-infiq tal-UE.

TIBDIL FIL-KULLEĠĠ TAL-QEA

Skont it-Trattat, il-Membri tal-QEA jservu terminu ta' sitt snin, u jista' jiġġedded.

Fi-2012, ħames Membri ġodda ssieħbu mal-Qorti: Is-Sur Henrik Otbo (id-Danimarka); is-Sur Pietro Russo (l-Italja); is-Sur Ville Itälä (il-Finlandja); is-Sur Kevin Cardiff (l-Irlanda); u s-Sur Baudilio Tomé Muguruza (Spanja).



KODIĊI TA' KONDOTTA REVEDUTA GĦALL-MEMBRI TAL-QORTI

Fi Frar 2012, il-QEA adottat Kodiċi ta' Kondotta ġdida għall-Membri tal-Qorti, li tirrefletti t-tibdil li kien sar fit-tmien snin sa mill-adozzjoni tal-kodiċi ta' qabel.

Barra minn hekk, bħala kontribut sinifikanti għat-trasparenza, il-QEA issa qed tippubblika d-dikja-razzjonijiet ta' interessi tal-Membri tagħha fuq il-websajt tagħha.



KEJL TAL-PRESTAZZJONI TAL-QEA

IKKOMPLETAR TAL-ISTRATEĠIJA 2009-2012

Fl-2008, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat l-ewwel strateġija tagħha. Din l-istrateġija applikat għall-perjodu 2009 sal-2012 u kienet immirata lejn il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-awditi tal-QEA u ż-żieda fl-effiċjenza permezz tal-aħjar użu tar-riżorsi tagħha. Inġenerali, il-QEA implimentat l-istrateġija 2009-2012 tagħha b'suċċess. Kien hemm livell għoli ta' aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA: u skont il-Kummissjoni madwar nofs ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa fl-2011 ġew implimentati; il-partijiet interessati istituzzjonali prinċipali tal-QEA jinsabu sodisfatti bir-rapporti annwali u speċjali tagħha u esperti esterni jistmaw il-kwalità tagħhom bħala tajba u li tjiebet; il-QEA tista' tindika wkoll persunal miżjud b'aktar minn 60 fl-awli tal-awditjar (501 fl-2008 meta mqabbla ma' 564 fl-2011), u persunal imnaqqas b'40 fl-amministrazzjoni u fit-traduzzjoni minħabba t-titjib fl-effiċjenza.

Il-QEA stabbilixxiet sett ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) għall-perjodu strateġiku 2009-2012 biex:

- tinforma lill-**maniġment** bil-progress lejn l-ilħuq tal-għanijiet;
- tappoġġa t-**teħid ta' deċiżjonijiet**; u
- tipprovdi informazzjoni dwar il-prestazzjoni lill-**partijiet interessati** tagħha.

Il-KPIs għandhom il-mira li jkejlu elementi ewlenin **tal-kwalità u tal-impatt** tax-xogħol tal-QEA, fejn tingħata attenzjoni partikolari għall-opinjoni tal-partijiet interessati ewlenin, u **l-effiċjenza u l-effettività** ta' kif tuża r-riżorsi. Billi l-2012 hija s-sena finali tal-perjodu strateġiku 2009-2012, ir-riżultati tal-KPIs huma ppreżentati, fejn disponibbli, għall-erba' snin sħaħ.

Il-QEA se taġġorna l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tagħha biex jiġu applikati għall-**perjodu strateġiku 2013-2017** sabiex jirriflettu l-prijoritajiet ġodda jew reveduti tagħha u biex juru l-prestazzjoni u l-obbligu ta' rendikont tagħha bħala istituzzjoni professjonali tal-awditjar.


KWALITÀ U IMPATT TAX-XOGĦOL TAL-QEA

Il-QEA tivvaluta l-kwalità u l-impatt tar-rapporti tagħha abbażi ta' evalwazzjonijiet mill-partijiet interressati, eżamijiet mill-esperti, u s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li hija tagħmel għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE.

EVALWAZZJONI MILL-PARTIJET INTERESSATI

Permezz ta' stħarriġ, il-QEA stiednet lill-**utenti prinċipali** tar-rapporti tagħha (il-Komitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew u l-Komitat tal-Baġit tal-Kunsill) biex jistmaw il-kwalità u l-impatt tar-rapporti annwali tal-2011 tagħha u tar-rapporti speċjali li ppubblikat fl-2012. Dawk li wieġbu għall-istħarriġ użaw skala ta' ħames punti (1 — fqir ħafna, 2 — fqir, 3 — suffiċjenti, 4 — tajjeb, 5 — tajjeb ħafna).

EVALWAZZJONI MILL-UTENTI PRINĊIPALI TAR-RAPPORTI TAL-AWDITJAR TAL-QEA




Ir-riżultat kien konsistenti matul il-perjodu kollu, ivarja bejn 3,9 u 4,2 fuq l-iskala ta' ħames punti. Ir-riżultati jindikaw li b'mod ġenerali l-utenti prinċipali tar-rapporti tal-QEA jqisu l-kwalità u l-impatt tagħhom b'ħala 'tajbin'. Fl-2012, il-QEA eċċediet il-mira tagħha għal dan l-indikatur b'ħames punti perċentwali.

EŻAMIJET MILL-ESPERTI

Kull sena, **partijiet esterni indipendenti** eżaminaw il-kontenut u l-preżentazzjoni ta' kampjun tar-rapporti tal-QEA. Fl-2012, ir-reviżuri vvalutaw tmien rapporti speċjali u r-rapporti annwali 2011. Huma stimaw il-kwalità ta' aspetti varji tar-rapporti fuq skala ta' erba' punti li jvarjaw minn 'b'nuqqasijiet sinifikanti' (1) sa 'ta' kwalità għolja' (4).

FEEDBACK MILL-PARTIJET PRINĊIPALMENT AWDITJATI




Ir-riżultat varja minn 2.8 sa 3.0 fuq l-iskala ta' erba' punti bejn l-2009 u l-2012. Ir-riżultati jindikaw li r-reviżuri esperti esterni jqisu l-kwalità tar-rapporti tal-QEA bħala 'sodisfaċenti'. Fl-2012, il-QEA eċċediet il-mira tagħha b'sitt punti perċentwali.

L-eżamijiet ipprovdew lill-QEA b'**informazzjoni ta' valur dwar il-kwalità** tar-rapporti tagħha, u r-rakkomandazzjonijiet tar-reviżuri huma użati biex isir aktar titjib.

FEEDBACK MINGĦAND IL-PARTIJET PRINĊIPALI AWDITJATI

Feedback mingħand il-partijiet prinċipali awditjati dwar il-kwalità u l-impatt tal-awditi tal-QEA fl-2012 kienet miksuba permezz ta' sħarriġ u skala simili għal dawk użati għall-evalwazzjoni mill-partijiet interessati.

EŻAMIJET MILL-ESPERTI DWAR IR-RAPPORTI TAL-QEA




Ir-riżultat varja minn 3,5 sa 3,7 fuq l-iskala ta' ħames punti bejn l-2009 u l-2012. Ir-riżultati jindikaw li b'mod ġenerali il-partijiet prinċipali awditjati jqisu l-awditi tal-QEA bħala 'tajbin'.

Inġenerali, r-riżultati tal-evalwazzjoni mill-partijiet interessati tal-2009-2012 huma **pożittivi**, li juru li l-partijiet interessati prinċipali tal-QEA japprezzaw il-kwalità u l-impatt tal-awditi.


SEGWITU GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Il-mod ewlieni kif il-QEA tuża l-esperjenza tal-awditjar tagħha biex tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja huwa permezz tar-rakkomandazzjonijiet li tagħmel fir-rapporti tal-awditjar tagħha. Biex iwasslu għal bidla, ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA l-ewwel iridu jiġu **aċċettati** mill-partijiet awditjati u mbagħad implimentati. Il-QEA għalhekk tkejjel it-tnejn li huma.



Il-punt sa fejn ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA ġew aċċettati mill-partijiet awditjati varja minn 93 % sa 98 % bejn l-2009 u l-2012. Il-mira ssettjata għall-indikatur ġiet eċċeduta kull sena.

Fl-2011, il-QEA bdiet timmonitorja sistematikament l-**implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħha**, bl-għarfien li jista' jgħaddi perjodu ta' żmien sinifikanti qabel xi rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati minħabba l-iskala jew il-komplessità tagħhom. Skont l-istatistika tal-Kummissjoni, 63 % tal-kważi 500 rakkomandazzjoni maħruġa bejn l-2009 u l-2012 kienu ġew implimentati sa tmiem l-2012. Aktar minn nofs ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa fl-2011 diġa ġew implimentati.




UŻU EFFIĊJENTI U EFFETTIV TAR-RIŻORSI

Il-QEA vvalutat l-effiċjenza u l-effettività tal-użu tagħha tar-riżorsi għal dak li jirrigwarda l-abbiltà tagħha biex: tipproduċi rapporti u sejbiet f'waqthom; tissodisfa l-obbligi tagħha dwar il-ġestjoni finanzjarja; u tiżgura l-benessri u l-kompetenza professjonali tal-persunal tagħha.


PRODUZZJONI TAR-RAPPORTI

Il-QEA timmonitorja l-**effiċjenza tal-proċess ta' produzzjoni tar-rapporti tagħha** billi tkejjel l-għadd ta' rapporti li adottat meta mqabbla mal-għadd ppjanat għas-sena, u billi tkejjel jekk dawn ir-rapporti kinux adottati fi ħdan id-dati ta' skadenza ssettjati għalihom.



Dan l-indikatur ilu jitkejjel sa mill-2008 u r-riżultat tar-rapporti fil-fatt adottati meta mqabbla man-numru ppjanat oriġinarjament varja bejn 79 % u 93 %. It-kejl wera li, għalkemm il-**miri annwali fil-biċċa l-kbira ntlaħqu**, għad hemm spazju għal titjib, b'mod partikolari fil-produzzjoni tar-rapporti speċjali.

Il-**puntwalità tar-rapporti** ilha titkejjel ukoll sa mill-2008. Il-prestazzjoni hija mkejla mad-dati ta' skadenza statutorji għar-rapporti annwali u għar-rapporti annwali speċifiċi, u d-dati ta' skadenza huma stabbiliti fid-dokumenti tal-ippjanar rispettivi għar-rapporti speċjali.




Ir-riżultat varja minn 67 % sa 73 % bejn l-2008 u l-2012, u b'hekk ma laħaqx il-mira ta' 90 % ssettjata għal dan l-indikatur. Dan kien ikkawżat prinċipalment minħabba ppjanar ambizzjuż għar-rapporti speċjali u minn avvenimenti mhux previsti li seħħew matul il-proċess tal-awditjar.

Filwaqt li l-QEA tirrikonoxxi li hemm spazju għat titjib fil-**preċiżjoni tal-ippjanar tal-awditj tal-prestazzjoni u fl-effiċjenza tal-eżekuzzjoni tal-awditjar**, tinsab kuntenta li matul il-perjodu 2008-2012 mhux biss **żiedet l-għadd** ta' rapporti speċjali prodotti b'mod sinifikanti iżda wkoll **naqqset iż-żmien tal-produzzjoni tagħhom lejn il-mira ta' 18-il xahar. Għall-perjodu 2008-2012**, 85 rapport speċjali ġew adottati, meta mqabbla ma' 51 rapport speċjali fl-2003-2007, u ż-żmien medju tal-eżekuzzjoni ġie mnaqqas minn 25 xahar fl-2008 għal 20 xahar fl-2012.

L-**istrateġija għall-2013-2017** tal-QEA tinkludi inizjattiva ġdida biex tkompli tissimplifika l-proċessi għall-produzzjoni tar-rapporti, u b'hekk ittejjeb il-puntwalità tagħhom u żżid l-effiċjenza.

PUNTWALITÀ TAS-SEJBIET

Il-QEA tuża Dikjarazzjonijiet ta' Sejbiet Preliminari (SPFs) biex **tikkonferma l-preċiżjoni fattwali tas-sejbiet tal-awditjar tagħha** mal-partijiet awditjati. Huma jirrappreżentaw fattur importanti ewlieni fil-proċess tal-awditjar. Skont ir-regoli interni tal-QEA, SPFs għandhom jinħarġu fi żmien xahrejn miż-żjara tal-awditjar relatata, u l-punt sa fejn din id-data ta' skadenza ġiet rispettata huwa mkejje l kull sena.



Il-QEA kienet identifikat il-ħtieġa għal titjib sinifikanti fil-puntwalità li biha jinħarġu l-SPFs. Meta nbeda l-kejl fl-2008, il-QEA ssettjat żewġ miri għall-puntwalità tal-SPFs: li ttejjeb il-prestazzjoni b'10 punti perċentwali fis-sena, u li tiżgura li 80 % tal-SPFs ikunu ħarġu fil-ħin sal-aħħar tal-2012. Ir-riżultat ta' dan l-indikatur varja minn 27 % għal 61 % bejn l-2008 u l-2012. Għalkemm sar **titjib sinifikanti** fil-prestazzjoni u l-**miri annwali kienu fil-biċċa l-kbira milħuqa**, ir-riżultat fl-2012 għadu ma laħaqx il-mira fit-tul ta' 80 %. Il-QEA se tkompli l-isforzi tagħha biex tkompli ttejjeb il-prestazzjoni tagħha f'dan il-qasam.

EVALWAZZJONI ESTERNA TAL-ĠESTJONI FINANZJARJA

Il-QEA tfittex li tirċievi mill-awditur estern tagħha **opinjoni mhux kwalifikata** dwar ir-rapporti finanzjarji u dwar l-użu tar-riżorsi, kif ukoll li tingħata l-**kwittanza** mill-Parlament Ewropew wara rakkomandazzjoni pożittiva mill-Kunsill.

EVALWAZZJONI ESTERNA TAL-ĠESTJONI FINANZJARJA TAL-UE SKONT IS-SENA FINANZJARJA


Opinjoni mhux kwalifikata	✓	✓	✓	✓
Kwittanza mogħtija	✓	✓	✓	għal April 2013
	2008	2009	2010	2011

Il-QEA rċiviet opinjoni mhux kwalifikata mill-awditur estern tagħha u l-Parlament Ewropew taha l-kwittanza tal-baġit tagħha kull sena.

TAĦRIĠ PROFESSIONALI

B'segwitu għal-linji gwida ppubblikati mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti, il-QEA qed timmira li ttipprovdi **medja ta' 40 siegħa** (5 ijiem) ta' taħriġ professjonali lil kull awditur kull sena.

JJEM TA' TAĦRIĠ PROFESSIONALI GĦAL KULL AWDITUR







Seminar dwar soluzzjonijiet awtomatizzati fit-traduzzjoni, Jannar 2012

Matul il-perjodu 2009-2012, il-persunal tal-awditjar tal-QEA rċieva medja ta' **5,3 jiem** ta' taħriġ kull sena. Meta jitqies it-taħriġ lingwistiku, l-awdituri jirċievu medja ta' 10,6 jiem kull sena. Il-mira annwali ssettjata għal taħriġ professjonali ntlafqet kull sena sa mill-2010.

SODISFAZZJON TAL-PERSUNAL

Il-QEA wettqet **stħarriġiet interni** fl-2009 u l-2012 biex tkejjel is-sodisfazzjon tal-persunal tagħha. Żewġ indikaturi kienu derivati mill-istħarriġ: il-perċentwal tal-persunal ġeneralment sodisfatti bl-impjieg tagħhom u l-medja inġenerali tar-rata ta' sodisfazzjon tal-persunal. Skala komposta minn 1 sa 4 hija użata, b'riżultat 'il fuq minn 2,5 jindika sodisfazzjon ġenerali.



Ir-riżultati ta' dawn iż-żewġ stħarriġiet huma simili ħafna, b'86 % tal-persunal ġeneralment sodisfatti bl-impjieg tagħhom u punteġġ ta' 2,8 miksub għall-medja inġenerali tas-sodisfazzjon tal-persunal. Ir-riżultati għalhekk jistgħu jiġu meqjusa bħala **tajbin**.

APPOĠĠ GĦALL-AWDITJAR

RIŻORSI UMANI

ALLOKAZZJONI TAL-PERSUNAL

L-**assi prinċipali** tal-QEA huwa l-persunal tagħha. Fil-31 ta' Diċembru 2012, il-QEA kellha allokazzjoni awtorizzata tal-persunal ta' 887 uffiċjal u persunal temporanju (mhux inklużi l-Membri, l-aġenti kuntrattwali, l-esperti nazzjonali ssekondati u persuni f'taħriġ). 573 minn dawn jaħdmu f'awli tal-awditjar (inklużi 123 f'uffiċċji privati tal-Membri). Ara t-tabella għal aktar informazzjoni.

Biex jikkontribwixxu għall-għan li jsir l-aħjar użu tar-riżorsi, l-attivitajiet kollha fl-2012 komplew ifittxu u jintroduċu **miżuri ta' effiċjenza** abbażi tas-simplifikazzjoni ta' proċeduri.

Kull meta kien possibbli, il-karigi mhux tal-awditjar li saru disponibbli permezz ta' kisbiet fl-effiċjenza ġew skjerati mill-ġdid fl-awditjar u fl-appoġġ lill-Presidenza. Għalhekk, sa mill-2008, l-għadd ta' karigi tal-awditjar żdiedu b'14,4 % filwaqt li l-għadd kumplessiv ta' karigi allokati lill-QEA żdied biss bi 3,5 %. Il-prodott matul l-istess perjodu żdied b'mod sinifikanti (ara l-paġna 9).



Distribuzzjoni tal-persunal tal-QEA fil-31 ta' Diċembru	2008	2009	2010	2011	2012
Awditjar	501	525	557	564	573
Traduzzjoni	163	163	151	148	143
Amministrazzjoni	173	171	157	148	139
Presidenza	20	21	24	27	32
TOTAL	857	880	889	887	887

REKLUTAĠĠ

Il-**persunal** tal-QEA għandu firxa wiesgħa ta' sfondi akkademiċi u professjonali, u l-kwalità ta' xogħlu u tal-impenn tiegħu hija riflessa fil-prodott tal-istituzzjoni. Il-politika ta' reklutaġġ tal-QEA ssegwi l-prinċipji ġenerali u l-kundizzjonijiet tal-impjeg tal-istituzzjonijiet tal-UE, u l-forza tax-xogħol tagħha tinkludi kemm impjegati permanenti taċ-ċivil kif ukoll persunal fuq kuntratti temporanji. Kompetizzjonijiet miftuħa għal karigi fil-QEA huma organizzati mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (I-EPSC). Il-QEA tipprovdi wkoll għadd ta' korsijiet ta' taħriġ lil gradwati universitarji għal perjodi ta' tlieta sa ħames xhur (65 fl-2012).

Fl-2012, il-QEA rreklutat 78 impjegat: 50 uffiċjal, 11-il persunal temporanju u 17-il aġent kuntrattwali. Il-QEA kellha suċċess partikolari fir-reklutaġġ ta' persunal ġdid f'karigi tal-awditjar. L-għadd ta' **karigi vakanti** baqa' qrib it-3 % sa mill-2011 (28 kariga fil-31 ta' Diċembru 2012).

BILANĊ BEJN IS-SESSI

Il-QEA, bħall-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, għandha politika ta' **opportunitajiet indaqs** fil-ġestjoni tar-riżorsi umani u r-reklutaġġ tagħha. Il-QEA issa għandha kważi proporzjonijiet ugwali ta' nisa u rġiel fil-forza tax-xogħol tagħha: 51 % maskili u 49 % femminili — wara żieda gradwali matul is-snin fil-proporzjon ta' nisa. Il-QEA adottat Pjan ta' Azzjoni għall-Opportunitajiet Indaqs fi tmiem l-2012 li jimmira li jikseb rappreżentanza tas-sessi aktar bilanċjata fil-livelli kollha tal-istituzzjoni.

	Maskili	Femminili
2012	51 %	49 %

It-tabelli hawn taħt juru l-proporzjon ta' rġiel u ta' nisa skont il-**livell ta' responsabbiltà** fil-31 ta' Diċembru 2012. Il-proporzjon ta' nisa fil-livell AD laħaq 40 % fl-2012 u x'aktarx jiżdied fil-futur; wara l-aħħar kampanji ta' rekrutazzjoni, 46 % tal-persunal kollu mill-livell tad-dħul AD5 sal-gradi AD8 huma femminili. Mid-69 direttur u kap ta' unità, 21 (30 %) huma nisa, li huwa simili għal snin preċedenti. Il-biċċa l-kbira tan-nisa f'dan il-livell huma impjegati fid-Direttorat tat-Traduzzjoni u f'dipartimenti amministrattivi.

Assistenti (livell AST)

	Maskili	Femminili
2011	33 %	67 %
2012	33 %	67 %

Diretturi u Kapijiet tal-Unitajiet


	Maskili	Femminili
2011	72 %	28 %
2012	70 %	30 %

Awdituri — amministraturi (livell AD)

	Maskili	Femminili
2011	61 %	39 %
2012	60 %	40 %

PROFIL TAL-ETÀ

Il-profil tal-età tal-persunal f'servizz attiv fil-31 ta' Diċembru juri li kważi 60 % tal-persunal tal-QEA għandhom 44 sena jew inqas.



Terz mid-diretturi u mill-kapijiet tal-unitajiet għandhom 55 sena jew aktar. Dan se jwassal għal tiġdid sinifikanti fil-maniġment superjuri matul il-5-10 snin li ġejjin.

TAĦRIĠ PROFESSIONALI

Il-professjoni tal-awditjar teħtieġ taħriġ kontinwu biex il-persunal ikun jista' jibqa' aġġornat mal-iżviluppi professjonali u jiżviluppa ħiliet ġodda. Barra minn hekk, in-natura partikolari tal-ambjent tal-awditjar tal-QEA toħloq ħtieġa għal persunal b'ħiliet lingwistiċi tajbin.

Fl-2012, il-persunal tal-QEA (awditjar u persunal ieħor) irċieva medja ta' 8 ijiem ta' taħriġ professjonali kull wieħed (9,3 jiem fl-2011). Il-korsijiet tal-lingwi rrappreżentaw 52 % minn dan it-total, meta mqabbel ma' 54 % fl-2011.

Fl-2012, il-kontenut tat-taħriġ ġie mtejjeb u ġew żviluppati korsijiet ġodda sabiex jintlaħqu prioritajiet tal-awditjar. Barra minn hekk, ġestjoni aktar effiċjenti tal-attivitajiet tat-taħriġ saret possibbli permezz tal-implimentazzjoni ta' sistema ġdida ta' xogħol bla karti u tal-iżvilupp tal-e-learning.

TRADUZZJONI

It-traduzzjoni hija **attività ta' appoġġ għall-awditjar** li permezz tagħha l-QEA tista' twettaq il-missjoni tagħha u tilħaq l-oġettivi tal-komunikazzjoni tagħha. Fl-2012, il-volum totali ta' xogħol tat-traduzzjoni laħaq rekord ta' 158 861 paġna, 11 % aktar milli fl-2011. 'Il fuq minn 99 % tat-traduzzjonijiet kienu kkompletati fil-ħin.

Id-Direttorat tat-Traduzzjoni tal-QEA pprovdha wkoll **appoġġ lingwistiku** lill-awdituri li kienu qed jaħdmu fuq il-post fi Stati Membri u matul l-abbozzar sussegwenti tar-rapporti tal-awditjar. Ingħata appoġġ ukoll għall-gruppi ta' ħidma tal-INTOSAI u għal ħtiġijiet speċifiċi oħra relatati mal-attivitajiet tal-awditjar tal-QEA.

TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA

It-Teknoloġija tal-Informatika (IT) tagħti kontribuzzjoni kritika lill-effettività u l-effiċjenza tal-QEA. L-2012 kienet sena produttiva:

- fir-rigward tal-**ġestjoni tal-għarfien**, l-ewwel verżjoni tal-għodda ġdida ta' appoġġ għall-awditjar tal-QEA (ASSYST2) ġiet rilaxxata u pilota varata f'unita tal-awditjar. Barra minn hekk, l-ewwel komunita' ta' prattiki, dwar il-kriżi finanzjarja, ġiet appoġġjata f'termini ta' teknoloġija tal-informazzjoni u provvedimenti tal-kontenut;
- l-awtomatizzar ta' **proċessi tan-negozju** ġie segwit b'mod attiv matul l-introduzzjoni ta' ECAdemy — biex jagħti appoġġ lill-politika tat-taħriġ tal-QEA; id-deċentralizzazzjoni tal-ġestjoni tal-ħinijiet — li wasslet għal tfaddil f'termini ta' riżorsi umani; u l-ikkompletar fis-sħiħ tad-diġitalizzazzjoni tal-fajls tal-persunal; u
- kisba maġġuri kienet iċ-ċaqliq taċ-**ċentru tad-data** tal-QEA għall-bini l-ġdid K3 tal-QEA. Dan il-bini l-ġdid ukoll sar operazzjonali b'network ġdida tat-telefonija u tad-data.

AMMINISTRAZZJONI U FAĊILITAJIET

Matul l-2012, id-Direttorat tal-Finanzi u tal-Appoġġ kompli:

- (a) jipprovdi riżorsi, servizzi u faċilitajiet adegwati biex jippermetti lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri li tirrealizza l-missjoni tagħha u li tilħaq l-oġġettivi strateġiċi tagħha; u
- (b) jiżgura li hemm il-finanzjament, il-kontrolli interni u l-mekkaniżmi tal-kontabbiltà neċessarji fis-seħħ biex isostnu l-attivitajiet kollha tal-QEA.

Fl-2012, id-Direttorat kompli jtejjeb l-effiċjenza u l-ekonomija tal-attivitajiet tiegħu.

F'Ottubru 2012, l-**uffiċċju tal-QEA fi Brussell** ġie trasferit għal post ieħor. L-uffiċċju issa jinsab fil-bini MTS (Montoyer/Sciences) f'30, rue Montoyer/rue de la Science, Brussell.

L-IKKOMPLETAR B'SUĊĊESS TAL-BINI K3

Sabiex tiżgura li l-persunal tal-QEA jkollu ambjent sigur, komdu u ergonomiku fejn jaħdem, u sabiex tippermetti li l-persunal kollu tal-QEA jaħdem fuq l-istess sit, it-tieni estensjoni ġiet ikkommissjonata fl-2003. Il-QEA aċċettat il-bini f'Novembru 2012 u l-ewwel ċaqliq seħħ qabel tmien is-sena.

Il-bini K3 kien **ikkompletat fil-ħin** u b'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-kwalità u **fi ħdan il-baġit**. Xogħlijiet komplementari se jkomplu f'binjiet oħra tal-QEA matul l-2013.



INFORMAZZJONI FINANZJARJA

Il-QEA hija **ffinanzjata** mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Il-baġit tagħna jirrappreżenta madwar 0,1 % tal-infiq totali tal-UE u 1,72 % tal-infiq amministrattiv totali.

IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT 2012

SENA FINANZJARJA 2012	Appropriazzjonijiet finali	Impenji	% tal-utilizzazzjoni (impenji/appropriazzjonijiet)	Pagamenti F'eluf ta' EUR
Titolu 1: Persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni				
10 – Membri tal-istituzzjoni*	14 592	13 785	94 %	13 557
12 – Uffiċjali u impjegati temporanji	92 335	89 015	96 %	88 836
14 – Persunal ieħor u servizzi esterni	4 148	3 810	92 %	3 758
162 – Missjonijiet	3 802	3 512	92 %	2 604
161 + 163 + 165 – Nefqiet oħrajn relatati ma' persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni	2 972	2 879	97 %	2 148
Subtotal għat-Titolu 1	117 849	113 001	96 %	110 903
Titolu 2: Bini, għamara, tagħmir u nefqiet varji għall-operat amministrattiv				
20 – Bini	10 741	10 703	99 %	7 009
210 – IT&T	9 508	9 508	100 %	4 524
212 + 214 + 216 – Proprjetà mobbli u spejjeż relatati	1 017	963	98 %	690
23 – Nefqa amministrattiva kurrenti	625	612	98 %	294
25 – Laqgħat u konferenzi	793	685	86 %	499
27 – Informazzjoni u pubblikazzjoni	1 944	1 843	95 %	748
Subtotal għat-Titolu 2	24 628	24 344	99 %	13 764
Total għall-Qorti tal-Awdituri	142 477	137 345	96 %	124 667

* Dan il-kapitolu għandu x'jaqsam mar-remunerazzjoni u l-allowances, l-ispejjeż tal-missjonijiet u t-taħriġ ta' Membri attwali, kif ukoll allowances temporanji għal ex-Membri u pensjonijiet.

Fl-2012, ir-rata kumplessiva ta' implimentazzjoni għall-baġit kienet ta' 96 %. Għat-Titolu 1 din ir-rata kienet ta' 96 %, bil-perċentwal l-aktar baxx (92 %) kemm fil-Kapitolu 14 (Persunal ieħor u servizzi esterni) u fl-Artikolu 162 (Missjonijiet) tal-Kapitolu 16 (Nefqiet oħrajn relatati ma' persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni). Ir-rata ta' implimentazzjoni medja għat-Titolu 2 kienet ta' 99 %.

L-ammont ta' pagamenti għall-Kapitolu 20 (Proprjetà immobbli, eż. bini) huwa affettwat mill-kostruzzjoni tat-tieni estensjoni tal-QEA, il-bini K3. Ir-raba' porzjon tal-finanzjament ta' EUR 3 miljun għal dan il-proġett kien inkluż fil-baġit tal-2012; dan l-ammont kien impenjat u mħallas parzjalment fl-2012. Il-bilanċ tal-appropriazzjonijiet għall-bini K3 kien riportat għall-2013 biex ikopri kuntratti ffirmati mill-Maniġer tal-Proġett ma' kumpaniji tal-kostruzzjoni f'isem il-QEA. L-appropriazzjonijiet se jintużaw skont is-sottomissjoni magħmula mill-QEA lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-2008.

L-kost totali tal-kostruzzjoni tal-bini K3 huwa stmat li hu EUR 79 miljun, iffinanzjata f'ħames snin suċċessivi: EUR 55 miljun fl-2009; EUR 11-il miljun fl-2010; EUR 7 miljun fl-2011; u EUR 6 miljun maqsuma bejn l-2012 u l-2013.



BAĠIT GĦALL-2013

Il-baġit 2013 jirrappreżenta żieda limitata ta' 0,2 % fuq il-baġit għall-2012.

BAĠIT	2013 F'eluf ta' EUR	2012 F'eluf ta' EUR
Titolu 1: Persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni		
10 – Membri tal-istituzzjoni*	14 566	14 592
12 – Uffiċjali u impjegati temporanji	97 772	96 487
14 – Persunal ieħor u servizzi esterni	4 176	4 173
162 – Missjonijiet	3 700	3 802
161 + 163 + 165 – Nefqiet oħrajn relatati ma' persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni	2 728	2 682
Subtotal għat-Titolu 1	122 942	121 736
Titolu 2: Bini, għamara, tagħmir u nefqiet varji għall-operat amministrattiv		
20 – Bini	8 327	9 941
210 – IT&T	7 197	6 501
212 + 214 + 216 – Proprjetà mobbli u spejjeż relatati	830	837
23 – Nefqa amministrattiva kurrenti	413	525
25 – Laqgħat u konferenzi	768	793
27 – Informazzjoni u pubblikazzjoni	2 284	2 144
Subtotal għat-Titolu 2	19 819	20 741
Total għall-Qorti tal-Awdituri	142 761	142 477

* Dan il-kapitolu għandu x'jaqşam mar-remunerazzjoni u l-allowances, l-ispejjeż tal-missjonijiet u t-taħriġ ta' Membri attwali, kif ukoll allowances temporanji għal ex-Membri u pensjonijiet.

AWDITJAR U OBBLIGU TA' RENDIKONT

AWDITJAR ESTERN TAL-QEA

Il-kontijiet annwali tal-QEA huma awditjati minn awditur estern indipendenti. Dan huwa eżempju importanti tal-QEA li juri li din qed tapplika l-istess prinċipji ta' **trasparenza u obbligu ta' rendikont** għaliha nfisha bħalma tapplika mal-partijiet li hija tawditja.

Ir-rapport mill-awditur estern — **PricewaterhouseCoopers Sàrl** — dwar il-kontijiet tal-QEA għas-sena finanzjarja 2011 ġie ppubblikat f'Ottubru 2012².

OPINJONIJIET TAL-AWDITUR ESTERN — SENA FINANZJARJA 2011

DWAR IR-RAPPORTI FINANZJARJI

Fl-opinjoni tagħna, ir-rapporti finanzjarji jagħtu stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-31 ta' Diċembru 2011, u tal-prestazzjoni finanzjarja tagħha u tal-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE,

Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi, u r-Regoli tal-Kontabbiltà tal-Unjoni Ewropea (Regoli tal-Kontabbiltà tal-KE)'.

DWAR L-UŻU TAR-RIŻORSI U L-PROĊEDURI TA' KONTROLL

Abbażi ta' xogħolna kif deskritt f'dan ir-rapport, xejn ma laqat l-attenzjoni tagħna biex iġiegħlna nemmnu li fl-aspetti materjali kollha u abbażi tal-kriterji deskritti hawn fuq:

- (a) ir-riżorsi assenjati lill-Qorti ma ntużawx għall-għanijiet li kienu intenzjonati għalihom;
- (b) il-proċeduri ta' kontroll stabbiliti ma jagħtux il-garanziji meħtieġa biex jiżguraw il-konformità tal-operazzjonijiet finanzjarji mar-regoli u r-regolamenti applikabbli'.

² ĠU C 315, 18.10.2012.

DIKJARAZZJONI MILL-UFFIĊJAL AWTORIZZANTI B'DELEGA

Jien hawn taħt iffirmit, is-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fil-kapaċità tiegħi bħala uffiċjal awtorizzanti b'delega, hawnhekk:

- niddikjara li l-informazzjoni li hawn f'dan ir-rapport hija vera u preċiża; u
- niddikjara li għandi aċċertament raġonevoli li:
 - ir-riżorsi assenjati lill-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-iskop li għalih kienu intenzjonati u skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba; u
 - il-proċeduri tal-kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet u jiżguraw trattament adegwat tal-allegazzjonijiet ta' frodi, jew frodi ssuspettata.

Dan l-aċċertament huwa bbażat fuq il-ġudizzju tiegħi u fuq l-informazzjoni li kelli għad-dispożizzjoni tiegħi, bħar-rapporti u d-dikjarazzjonijiet tal-uffiċjali awtorizzanti b'subdelega, ir-rapporti tal-awditur intern u r-rapporti tal-awditur estern għal snin finanzjarji preċedenti.

Nikkonferma li ma għandi ebda għarfien dwar kwalunkwe fraġda li mhijiex irrappurtata hawnhekk li tista' tkun ta' detriment għall-interessi tal-istituzzjoni.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-7 ta' Marzu 2013



Eduardo Ruiz García
Segretarju Ġenerali

35 SENA TA' GĦAJNUNA BIEX L-UE TAĦDEM AĦJAR

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ilha 35 sena bħala l-awditur estern tal-UE, **iżżid il-valur** b'mod konsistenti **lill-ġestjoni finanzjarja tal-Unjoni** u taġixxi bħala strument biex tiżgura l-għoti ta' rendikont pubbliku fir-rigward tal-użu ta' flus il-kontribwenti.

Il-ħolqien tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ġie fi żmien fejn il-Komunità Ewropea (il-prekursur tal-Unjoni Ewropea) kienet qed **tinbidel u ssir aktar demokratikament responsabbli** lejn iċ-ċittadini tagħha. Żewġ avvenimenti importanti b'mod partikolari kienu l-estensjoni tal-poteri tal-Parlament Ewropew fil-qasam tal-kontroll tal-baġit u l-finanzjament sħiħ tal-baġit tal-Komunità Ewropea mir-riżorsi proprji. Il-Komunità rrikonoxxiet li kien hemm ħtieġa wkoll għal awditur estern indipendenti biex jgħin lill-Parlament u lill-Kunsill biex jiżguraw il-kontroll demokratiku tal-finanzi tagħha.

Is-Sur Heinrich Aigner, il-President tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew, li sa mill-1973 kien argumenta bil-qawwa favur korp tal-awditjar estern fil-livell Komunitarju, ipprova l-inizjattiva li wasslet għall-istabbiliment tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri permezz tat-Trattat ta' Brussell tat-22 ta' Lulju 1975. Il-QEA bdiet topera f'Ottubru 1977, bil-kwartieri ġenerali tagħha fil-Lussemburgu. Is-Sur Hans Kutscher, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' dak iż-żmien, faħħar lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bħala **l-kuxjenza finanzjarja** tal-Komunità.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ħadet postha bħala istituzzjoni Ewropea stabbilita fl-1 ta' Novembru 1993 bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Maastricht, u b'hekk żgurat l-indipendenza u l-awtorità tagħha bħala waħda fost il-pari. It-Trattat ta' Maastricht introduċa wkoll dak li minn dak iż-żmien 'il hawn sar prodott uffiċjali tal-QEA — id-**Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni (DAS)** — dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u l-legalità u l-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom ikunu bbażati.

Ir-rwol tal-QEA ġie msaħħaħ fl-1 ta' Mejju 1999 bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, li saħħaħ **l-indipendenza tal-QEA u estenda l-poteri tal-awditjar tagħha** għal aktar oqsma tal-politika. It-Trattat ta' Nizza tal-1 ta' Frar 2003 kkonferma l-prinċipju li għandu jkun hemm Membru wieħed minn kull Stat Membru, enfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni tal-QEA ma' korpi nazzjonali tal-awditjar, u ppermetta li l-QEA torganizza ruħha f'Awli — għażla li adottat fl-2010.

Sa mill-ħolqien tagħha, il-QEA ppromwoviet b'mod konsistenti **l-kooperazzjoni mal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar** tal-Istati Membri fl-awditu tal-fondi tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-parteċipazzjoni tagħha fil-Kumitat ta' Kuntatt tal-Kapijiet tas-SAls tal-UE. Bħala SAI, il-QEA stinkat ukoll biex tkun fuq quddiem nett fl-iżviluppi fl-awditu tas-settur pubbliku, u taħdem flimkien ma' SAls oħra fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (I-INTOSAI), u r-ragguppament reġjonali tagħha l-EUROSAI, biex ikunu stabbiliti standards professjonali u prattiki tajbin. Il-QEA kienet adottat minn kmieni l-evalwazzjoni bejn il-pari bħala għodda għall-iżvilupp u t-tifrix ta' prattika tajba fi ħdan il-komunità tas-SAls.

Matul il-35 sena tagħha, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri fittxet li tikkontribwixxi għat-**titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE** billi tipproduċi prodotti ta' kwalità għolja li jirreflettu l-iżviluppi tal-UE u l-ħtiġijiet li jinbidlu tal-partijiet interessati tagħha. Matul dawn l-aħħar 35 sena, l-UE laqgħet Stati Membri ġodda, irċeviet kompetenzi ġodda, u stabbilixxiet korpi ġodda fil-livell Ewropew — li kollha kienu jeħtieġu li jiġu riflessi fix-xogħol tal-QEA. B'riżultat ta' dan, il-prodott tal-QEA espanda b'mod konsiderevoli miż-żewġ opinjonijiet maħruġa fl-ewwel sena tal-operat tagħha. Il-firxa ta' prodotti tal-QEA issa tinkludi rapporti annwali, rapporti speċjali, dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni, rapporti annwali speċifiċi, opinjonijiet u dokumenti tal-pożizzjoni tagħha. L-għadd ta' prodotti żdied ukoll għal **87 publikazzjoni fl-2012**. Fi snin reċenti, il-QEA tat priorità akbar lill-awditjar tar-riżultati tal-implimentazzjoni ta' politiki tal-UE u l-għoti ta' pariri dwar kif tista' tiġi mtejbja l-prestazzjoni.



L-ewwel Membri tal-QEA Novembru 1977

L-organizzazzjoni tagħna żviluppata ukoll waqt li l-UE evolviet. Minn disa' Membri u persunal ta' 120 fl-1977, il-QEA issa għandha **27 Membru u kważi persunal ta' 900**. Bħall-Unjoni nfisha, is-suċċess tal-QEA jiddependi fuq kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Membri u l-persunal minn madwar l-Ewropa kollha. Sa mill-1977, il-QEA hija kburiya li bniet forza tax-xogħol ddedikata, professjonali u esperjenzata li hija impenjata favur il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini. Fis-snin li ġejjin, il-QEA tistenna b'interess l-isfida biex tgħin fit-titjib tal-għoti ta' rendikont liċ-ċittadini għall-fondi pubbliċi pprovduti biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-UE.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ir-Rapport ta' Attività Annwali għall-2012

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2013 — 55 pp. — 21 × 29.7 cm

ISBN 978-92-9241-169-5

doi:10.2865/7142

**KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB
IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE**

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mill-websajt (<http://ec.europa.eu>) jew billi tibgħat faks f'dan in-numru: +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u r-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).



Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG
eca-info@eca.europa.eu
<http://eca.europa.eu>

 @EUAuditorsECA

EUAuditorsECA



■ L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet



ISBN 978-92-9241-169-5



9 789292 411695